22

www.gozocathedral.org.mt

L-GHID TA' L-ASSUNTA
1987

The exclusive
taste...
...that's KINNIE
KINNIE
SWEET • NON ALC

l-għid ta' l-assunta

Ħarġa ta' darba fis-sena (Nru. 22)
1987

Editur:
Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet tal-Katidral.

Publikazzjoni:
Ċentru Kateketiku, Katidral
Stampat 'Offset' minn
"Gozo Press", Għajnsielem.

MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET GĦAL JIEM IL-FESTA

Din is-sena, il-festa ta' Santa Marija għandu jkollha tifsira speċjali għar-raġuni li ninsabu fis-Sena Marjana miftuħa fil-Knisja Universali mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II nhar is-7 ta' Ġunju fl-okkażjoni tas-Solennità Liturġika ta' Għid il-Ħamsin. Jekk din is-sena rridu tabilħaqq nagħtu tifsira partikulari lis-Solennità Liturġika tat-Tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Verġni Marija jeħtieġ li f'dawn il-ġranet tal-festa nżommu quddiem għajnejna li aħna:

** 'eternity-servers' u mhux 'time-servers': il-funzjonijiet tal-Knisja li jsiru f'ġieħ il-Madonna nagħtuhom għalhekk prijorità fuq ċelebrazzjonijiet oħra. Il-Madonna dejjem tat l-ewwel attenzjoni lil Binha Ġesù;*

** segwaċi tal-Vanġelu li jippriedka l-imħabba ta' bejnietna u mhux segwaċi ta' 'Vanġelu' li jxandar il-piki bla sens; il-festa mhix opportunità biex noffendu lil ħutna l-bnedmin bl-insulti, imma okkażjoni sabiħa biex nuru li aħna lkoll ulied il-Madonna;*

** insara li dejjem lesti li nsegwu l-loġika ta' Kristu u mhux il-loġika tax-xitan: lanqas fil-ġranet tal-festa ma nistgħu nagħtu 'vacation' lill-kuxjenza tagħna. Nevitaw is-sokor u l-bluhat l-oħra. Il-Madonna dejjem għexet magħquda ma' Kristu.*

** membri ta' Knisja - Blata li rridu ninbnew fuqha u mhux inkissru rasna magħha; ma' nieħdux, għalhekk, l-atteġġjament li fil-ġranet tal-festa xejn ma hu pprojbit ħlief il-kelma projbizzjoni. Il-Verġni Marija kienet dejjem tgħożż f'qalbha dak li kien jiġri madwarha.*

** xhieda ta' Kristu kullimkien u mhux ġugarelli f'idejn iċ-ċirkustanzi li fihom inkunu ninsabu: il-prinċipji tal-Vanġelu wkoll iridu jmexxuna fil-ġranet tal-festa. Il-Verġni Marija baqgħet 'Il-Qaddejja tal-Mulej' sakemm ġiet megħlija s-sema;*

** lajċi tal-'full participation' u mhux tat-'token participation': lajċi, jiġifieri, li lesti li ngħinu lill-Presbiterju Parrokkjali fl-attivitajiet kollha li jsiru fl-okkażjoni tal-festa u mhux lajċi li taparsi noffru xi servizzi f'din iċ-ċirkustanza;*

** devoti tal-Madonna bil-motto: 'JIEQAF IL-KLIEM BIEX JITKELLMU L-FATTI'. U dan ifisser li f'Jum Santa Marija nagħmlu Qrara u Tqarbina aħjar minn tas-soltu. Ma ninsewx li l-Verġni Marija kienet l-Ewwel Bniedma li għamlet l-Ewwel Tqarbina fid-dinja. Dak li aħna nirċievu fit-tqarbin hu Kristu li nisslet il-Madonna fi ħdanha bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.*

Din is-Sena Marjana ma għandhiex tkun għalina ġrajja komuni li tiġi u tmur bħalma hu l-'party' li nagħmlu f'egħluq sninna. Il-'parties' li l-Verġni Marija trid li aħna niċċelebraw matul din is-sena huma d-deċiżjonijiet serji li aħna għandna nieħdu biex bħala bnedmin nikbru fl-iżvilupp sħiħ tagħna: nikbru fil-qdusija l-ewwel u qabel kollox kif ukoll fir-rispett li għandu jkollna lejn id-drittijiet fundamentali li għandna bħala bnedmin. Jalla tasal Santa Marija tas-sena 1988 meta tagħlaq din is-Sena Marjana u aħna nkunu ħadna bis-serjetà dawn ir-riżoluzzjonijiet.

Il-Matriċi ta' l-Assunta fiċ-Ċittadella ta' Għawdex bejn 1608 u 1615

ALEXANDER BONNICI O.F.M. Conv., H.E.D., S.Th.L., Ph.D.

1608: Gargallo fil-Matriċi

Din il-kitba mibnija fuq dokumenti tas-snin 1608 u 1615 turi għal darb'oħra li l-Isqfijiet ta' Malta riedu li tingħata attenzjoni speċjali lill-parroċċa tal-kastell t'Għawdex, iddedikata lil Marija Assunta. Kien għad ma għandhiex it-titlu ta' Kolleġġjata, imma kelma waħda biss kienet biżżejjed biex kulħadd jifhem li l-Isqof kien qed jgħid għaliha f'xi kitba uffiċjali tiegħu. Kien biżżejjed li wieħed isemmi l-Matriċi għax hi biss kienet magħrufa b'dan it-titlu.[1] Billi Għawdex kellu l-problema li ftit sata' jżomm il-kuntatti mixtieqa ma' l-Isqof djoċesan li kien f'Malta, il-Vigarju Foranew kien jirrappreżentah għal dak li kien jinqala'. Dan ikun ikun preżenti flimkien mal-qassisin tal-Matriċi għall-funzjonijiet li kienu jsiru f'din il-knisja parrokkjali. Minħabba d-dinjità tiegħu, dan il-Vigarju Foranew kellu post speċjali ta' ġieħ fil-kor li kien wara l-artal maġġur tal-Knisja. Imma l-Isqof Gargallo, fis-16 ta' Mejju 1608, lilu fetaħlu għajnejh biex ifakkru li hu ma għandux jindaħal lill-Arċipriet tal-Matriċi fl-eżerċizzju tal-ħidma pastorali tiegħu. Din it-twissija saret biex dawn iż-żewġ dinjitarji jkunu jafu sewwa x'inhi l-pożizzjoni tagħhom, u ma jidħlux fuq xulxin.[2]

1615: Cagliares b'Attenzjoni għall-Matriċi

Fil-bidunett ta' l-episkopat tiegħu, Mons. Baldassri Cagliares beda l-viżta pastorali tiegħu f'Għawdex fil-Matriċi ta' l-Assunta. Dan kien fil-11 ta' Novembru 1615. Hu kien sar isqof f'dik is-sena stess. Filwaqt li, dwar knejjes oħrajn ta' Għawdex, it-tagħrif hu fil-qasir, id-deskrizzjoni tal-Matriċi tieħu fit-tul ħafna. Hi deskrizzjoni importanti għaliex hi ta' knisja li, fis-sena 1693, iġġarrfet bit-terremot. Għalhekk, din il-viżta pastorali tgħinna biex inkunu nafu xi ftit iżjed dwar il-knisja parrokkjali l-qadima, li tagħha b'xorti tajba għalina għadu jeżisti xi disinn.

Dik il-knisja, l-istess bħal ta' żmienna, kienet tħares lejn il-punent. Iz-zuntier li hi kellha quddiemha kien imsaqqaf. Kien hemm ħafna taraġ tal-ġebel li kien iwassal għad-daħla tal-Knisja.[3]

L-Isqof Baldassri Cagliares

Parroċċa miżmuma b'Qima

Billi l-knisja, f'dak iż-żmien ukoll, kienet meqjusa importanti iżjed mill-oħrajn kollha, id-deskrizzjoni tidħol f'ħafna rqaqat. Minn dawn, se nniżżlu xiħaġa biss. L-artal maġġur tagħha kien maqtugħ għalih għaliex il-knisja kellha l-parti tal-kor wara l-artal. Il-membri tal-kleru tagħha kienu jirreċitaw il-kor hemmhekk. Għalkemm kien żmien ta' faqar, ir-rabta li kellha l-Matriċi ta' l-Assunta mal-familji nobbli tal-gżejjer tagħna għenet biex hi tkun f'qagħda ħafna aħjar minn ta' oħrajn. It-tabernaklu li kien hemm fuq il-maġġur kien ta' njam indurat. Aktar

www.gozocathedral.org.mt

jora mill-maġġur, fil-kor, kien hemm bħal tribuna b'artal ieħor go fiha. Ġot-tribuna, kien hemm impittra fuq l-injam xbiha tal-Verġni Marija Assunta. Fil-qrib, kien hemm kwadri oħrajn li juru fihom l-Annunzjazzjoni tal-Verġni Mbierka, il San Pietru, u 'l San Pawl.[4]

Quddiem l-artal maġġur, kien hemm tliet lampieri mdendlin minn travu. Il-lampieri kienu tal-fidda. It-travu nnifsu kien impitter kollu kemm hu, ir-rand kien impitter minn naħa għall-oħra tiegħu. Fin-nofs tat-travu, kien hemm imdendla xbiha ta' Kristu Msallab. L-insara li kienu jżuru 'l dik il-knisja kellhom qima kbira lejn dak il-Kurċifiss. Ħafna kienu dawk li kienu jintelgħu għarkubbtejhom jitolbu quddiemu. Tliet lampieri oħra kienu mdendlin quddiem l-artal l-ieħor li kien fit-tribuna tal-kor. Imma dawk il-lampieri kienu tal-bronż, u jixegħluhom biss fil-festi, wara nofs in-nhar. Xi renti li kienu jidħlu minn xi artijiet tal-knisja jew minn idejn ir-Retturi tal-Ġuspatronat imsejjaħ **Tal-Għejjun** kienu jintużaw għall-ispiża taż-żejt ta' dawn il-lampieri.[5]

Mixtieqa li tkun akbar

Il-Matriċi ta' l-Assunta ma kenitx kbira bizzejjed għan-nies li kienu jmorru fiha. Billi l-korsija tagħha kienet dejqa, iċ-ċokon tagħha kien jinħass b'mod speċjali fil-festi. Waqt il-priedki, ħafna nies kien ikollhom joqogħdu jisimgħu minn barra. Għalhekk, l-Isqof Cagliares għamel rakkomandazzjoni qawwija lill-Arċipriet ħalli jieħu ħsieb li jinstab rimedju għal dan. Fil-fatt, il-knisja ma kenitx ċkejkna wisq. Kif jinkiteb fl-istess deskrizzjoni tagħha, għalkemm il-korsija ma kenitx tesa' ħafna, kien hemm spazju ħafna iżjed fil-ġnub ta' l-artal maġġur għaliex hemm kien hemm xi kappelli. Dawn il-kappelli kienu fuq in-naħa ta' Ivant.[6]

Tul il-korsija tal-knisja, kien hemm numru ta' oqbra. Is-saqaf tal-knisja kien ta' l-injam. Kien saqaf doppju. Is-saqaf, tul il-knisja kollha, kien maħdum tajjeb ħafna. Imbagħad, kien hemm saqaf ieħor li jidher biss min-naħa ta' barra tal-knisja. Mill-aspett artistiku, dik l-għamla ta' saqaf kien ileqqha kull tifħir għaliex, minbarra li mibni tajjeb, kien ukoll imżejjen b'ħafna ornamenti. Imma kien hemm problema prattika. Fi żmien meta ma kenitx ħaġa ħafifa li ddawwal il-knisja b'lampieri u dwalijiet oħrajn, id-dwal naturali li jidħol mit-twieqi kien apprezzat ħafna. Imma l-Matriċi ta' l-Assunta kienet nieqsa mid-dawl li jista' jitqies biżżejjed. Għalhekk, fost l-osservazzjonijiet li għamel l-Isqof Cagliares, hu qalilhom li tkun ħaġa tajba li t-twieqi li kellha l-knisja jitwessgħu u, jekk ikun hemm bżonn, isiru wkoll twieqi ġodda.[7]

Din il-knisja parrokkjali kienet miżmuma tajjeb. Il-ħitan, f'dik is-sena 1615, kienu kollha mbajda. Imma l-istruttura tal-knisja kienet qadima ħafna. Xi ħitan kienu qed juru li l-qedem tagħhom kien qed iħalli xi sinjali. 'L hawn u 'l hinn, wieħed kien jista' josserva xi xpakkaturi fil-ħajt. Għalhekk, kien tajjeb li wieħed jieħu ħsiebhom ħalli ma jikbrux.[8] Fuq in-naħa tax-xellug ta' l-artal maġġur, kien hemm orgni kbir u tajjeb għall-bżonnijiet liturġiċi tal-parroċċa.[9]

Kappelli, Familji Nobbli, u Fratellanzi

Fuq il-lemin tal-Maġġur, kien hemm kappella ddedikata lill-**Annunzjata**. Fuq il-lemin ukoll, kien hemm l-artal tal-**Madonna tar-Rużarju**. Dan kellu pittura fuq it-tila; il-pittura kienet turi fiha l-Ħmistax il-Misteru tar-Rużarju Mqaddes. Billi l-artal kellu rabtiet mal-familja nobbli **Castelletti**, kienet tidher ukoll l-istemma ġentilizja tal-familja. Ma' dan l-artal, kien hemm il-**Fratellanza tar-Rużarju**.[10]

Fuq ix-xellug tal-maġġur, kien hemm il-kappella ddedikata lil **Santa Katarina**. Fuq l-istess naħa, kien hemm kappella oħra msemmija għal **Santa Luċija**; din kellha ħafna rabtiet mal-familja **Mompalao**. Ma' din ta' Santa Luċija, kienet marbuta l-**Fratellanza tas-Sagrament**. Il-kappella kienet qiegħda mal-passaġġ li jagħti għas-sagristija. Il-passaġġ għas-sagristija kellu daħla direttament mal-knisja. Fis-sena 1615 inkiteb li, fl-antik, dik il-kappella ta' Santa Luċija kellha fuq l-artal pittura li kienet turi fiha 'l Santa Luċija biss. Imma, fis-sena 1615, l-affarijiet kienu tbiddlu. L-artal kellu importanza minħabba l-fratellanza tas-Sagrament. Sa minn xi żmien, kienet saret pittura ġdida. Din kienet turi x-xbiha tas-Santissimu Sagrament fil-pissdi, u fuq iż-żewġ naħat tiegħu l-qaddisin San Bernard u Santa Luċija.[11]

F'dak iż-żmien, diġà kienet daħlet id-drawwa devozzjonali li damet sejra għal mijiet ta' snin. Fit-tielet Ħadd ta' kull xahar, waqt li ssir quddiesa kantata, kienet issir purċissjoni fil-knisja bis-Sagrament; fiha kienu jieħdu sehem il-fratelli bit-torċi f'idejhom.[12]

Kien hemm kappella oħra 'l isfel minn dik ta'

Il-parroċċa ta' l-Assunta minn 'pen-drawing' ta' Fra Wiġ minn Malta, Kapuċċin

Santa Luċija. Din kienet marbuta mal-familja **De Navarra**. F'dak iż-żmien, il-kappella kienet f'idejn il-werrieta ta' Dun Ugolin Cumbo u ta' ħutu. Il-pittura ta' fuq l-artal kienet turi fiha t-**Twelid tal-Verġni Marija.**[12]

Kampnar Artistiku...imma l-Koppla waqgħet

Fuq in-naħa ta' wara tal-knisja, iżjed lura mit-tribuna tal-kor, kien hemm il-kampnar bi tliet qniepen fih: waħda kbira u tnejn żgħar. Kien **kampnar** għoli u mibni b'mod li juri li ħiereġ minn id ta' skultur tajjeb. Imma, f'dak iż-żmien, il-knisja kienet **mingħajr koppla**. Ftit snin qabel, il-koppla kienet intlaqtet minn sajjetta, u ġarrfitha. Imma, billi l-koppla kienet parti mill-arkitettura ta' dik il-knisja, l-Arċipriet ġie mħeġġeġ biex jaħseb ħalli jibni koppla ġdida.

Dak il-kampnar kellu bieb li jagħti għal barra t-triq, fuq in-naħa ta' wara tal-knisja. Kellu wkoll daħla oħra li tagħti għall-knisja. L-Isqof Cagliares wissiehom biex il-bieb ta' wara ma jitħalliex miftuħ. L-aħħar osservazzjoni li jagħmel kienet li **"dawk ta' bla leħja"** (imberbes): jiġifieri tfal subien u bniet, u nisa, ma kellhomx jitilgħu fuq il-kampnar. Ma jitilgħux fuq il-kampnar ħlief irġiel li l-Arċipriet ikollu fiduċja fihom.[14]

L-Isqof, mill-Matriċi ta' l-Assunta, baqa' sejjer lejn il-parroċċa ta' San Ġorġ, fejn għamel viżta pastorali li twassal ħafna dettalji dwar dik il-knisja. Mir-Rabat, imbagħad, bejn 11 u 22 ta' Novembru, l-Isqof innifsu jew xi wieħed minn dawk li kienu jgħinuh fil-viżta pastorali tiegħu marru f'kull rokna ta' Għawdex, kulfejn kien hemm xi knisja. F'dak iż-żmien, f'Għawdex ma kienx hemm ħlief żewġ knejjes parrokkjali: il-Matriċi ta' l-Assunta u l-parroċċa ta' San Ġorġ. Kien għad fadal 63 sena biex, mill-Matriċi ta' l-Assunta ħarġet il-parroċċa tax-Xewkija. Imbagħad, fi żmien qasir, fis-snin 1679 u 1688, mill-istess Matriċi ta' l-Assunta ħarġu l-parroċċi ta' l-Għarb, Nadur, Xagħra, Sannat, u Żebbuġ.[15]

DOKUMENTAZZJONI

1. AEG, *VP*, Q.VI (Gargallo 1608), f.1v.
2. *Ibid.*, f.30r.
3. *Ibid.*, Q.VIII (Cagliares 1615), f.2r.
4. *Ibid.*
5. *Ibid.*, f.2v.
6. *Ibid.*, f.3r-v.
7. *Ibid.*, f.3v.
8. *Ibid.*
9. *Ibid.*, f.4r.
10. *Ibid.*, ff.4v-5r.
11. *Ibid.*, ff.5v-6r, 8r.
12. *Ibid.*, f.6r.
13. *Ibid.*, f.7r-v.
14. *Ibid.*, ff.8v-9r.
15. ACM, 11, ff-227r-229v; AAM, fasc. RCB, Non Class. Ara Alex. Bonnici, **Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex**, 1975, pp.114-117; Id., *In-Nadur*, v.I, 1984, pp.114-115.

NSTS provides you with:

* A WORLD WIDE RANGE OF FLIGHTS
* A WORLD WIDE RANGE OF HOTELS
* A WORLD WIDE INSURANCE SERVICE
* A WORLD WIDE......LINK

N S T S

YOUR NATURAL LINK TO / FROM MALTA

OFFICE HOURS:

Monday: 15.00 - 18.30
Tuesday - Friday: 08.00 - 12.00 15.00 - 18.30
Saturday: 08.00 - 12.00

45, St. Francis Square, Victoria, Gozo. Tel. 553977.
220, St. Paul Street, Valletta, Malta. Tel. 624983 / 626628.

SITTIN KAPPELLA MARJANA FUQ IL-GŻIRA TAL-MADONNA

Studju ta' **DUN JOE BEZZINA**

Nhar is-7 ta' Ġunju, Għid il-Ħamsin, waqt Pontifikal solenni fil-Knisja Katidrali, l-Isqof Nikol Cauchi ddikjara miftuħa s-Sena Marjana f'Għawdex. Fil-bidu ta' l-omelija tiegħu, l-Isqof stqarr li kulħadd jaqbel li Malta u Għawdex jistgħu jissejħu b'mod speċjali l-Gżejjer tal-Madonna. F'sitwazzjonijiet diffiċli tal-passat u tal-preżent, tagħna personali u ta' pajjiżna, ilkoll kemm aħna ħassejna l-għajnuna tal-Madonna b'mod kważi tanġibbli.

• Sittin kappella Marjana

Għawdex jista' b'mod speċjali jissejjaħ il-Gżira tal-Madonna għal tliet raġunijiet: l-eqdem Knisja li għandna aħbar dwarha f'Għawdex, il-Matriċi ta' Santa Marija, illum il-Katidral, kienet iddedikata lill-Madonna; f'Għawdex jinsab is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu; u, fuq kollox, nafu li matul iż-żminijiet f'Għawdex kien hawn b'kollox xejn inqas minn sittin kappella tal-Madonna — ħamsa u għoxrin minnhom għadhom wieqfa sal-lum.

Din il-lista' ta' knejjes u kappelli tal-Madonna wasalt għaliha wara studju tal-Viżti Pastorali li għamlu l-Isqfijiet f'Għawdex tul dawn l-aħħar 400 sena, sewwa sew mill-1575 sa dan l-aħħar. Minn dokumenti oħrajn nafu b'xi kappelli li huma wisq qabel din id-data. Iżda jista' jkun li

www.gozocathedral.org.mt

Il-Matriċi, illum il-Katidral

kien hemm kappelli oħra li ma waslitilniex l-aħbar tagħhom. Il-mappa li qed tidher hawn turi bejn wieħed u ieħor il-pożizzjoni ta' dawn is-sittin Knisja u kappella. Din il-mappa hi riprodotta mill-ktieb tiegħi **The Veneration of Our Lady in Gozo (1600-1800)** u għalhekk in-numri mit-2 sat-38 ma jirriflettux eżattament l-antikità ta' dawn il-kappelli.

Fil-qosor ser nippruvaw naraw l-iżvilupp ta' dawn il-kappelli kif ukoll tad-devozzjoni Marjana marbuta magħhom.

- **L-ewwel Knejjes u kappelli**

L-eqdem knisja li nafu biha f'Għawdex hi, kif ġà għidt, il-Matriċi ta' Santa Marija. Tissemma għall-ewwel darba f'kuntratt magħmul nhar it-12 ta' Ottubru, 1435. Iżda allura ġà kienet knisja qadima għax tissejjaħ matriċi: minnha kienet ħarġet knisja jew parroċċa oħra. Barra dan kienet knisja ddedikata lill-Assunta; u t-Tlugħ ta' Marija fis-sema hi l-eqdem festa Marjana li nafu biha. Il-knisja, kif nafu minn sejbiet arkeoloġiċi, inbniet fuq il-fdalijiet ta' Tempju ta' alla Gunone, drawwa li kienet imxerrda bi sħiħ fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu. Il-Knisja tinsab fuq kollox f'nofs iċ-Ċittadella, il-qalba tal-ħajja Għawdxija minn żmien ir-Rumani 'l hawn. Dawn l-erba' raġunijiet jippruvaw il-qedem tal-ewwel Maqdes ta' Għawdex kif ukoll l-egħruq fondi tad-devozzjoni Marjana fi gżiritna.

Kappella oħra ta' żmien medjevali hi dik tal-**Lunzjata**. Hemm ħjiel li nbniet għall-ewwel darba lejn l-1357 u mill-1370 saret parti minn benefizzju rjali. Ta' min jgħid li wara l-Assunzjoni, il-Lunzjata kienet it-tieni festa Marjana li daħlet fil-Liturġija. Festa oħra minn tal-qedem hi dik tan-Natività jew it-Twelid tal-Madonna. U waħda mill-erba' parroċċi ta' Għawdex medjevali, **Savina**, kienet iddedikata lin-Natività. Skond id-dokumentazzjoni storika li waslitilna, dawn it-tnejn flimkien mal-**Matriċi** jidher li kienu l-eqdem tliet ċentri tad-devozzjoni Marjana fi gżiritna. U, bla ebda dubju għalkemm m'għandix provi, mhix kumbinazzjoni li t-titulari tagħhom jaqblu sewwa sew mal-ewwel tliet festi li daħlu fil-Knisja f'ġieh il-Madonna.

Nagħtu issa ħarsa ġenerali lejn il-kappelli kollha. **Ta' min jinnota li n-numru wara l-ismijiet jirreferi għall-mappa li qed tidher f'paġna 6.**

- **Il-Kappelli fl-1575**

Fi Frar tal-1575 ġie Għawdex il-Viżitatur Apostoliku Pietro Dusina li ħallielna fost l-oħrajn lista tal-knejjes u l-kappelli li kien hemm Għawdex dik il-ħabta. Din il-Viżta għandha importanza kbira fl-istorja reliġjuża u soċjali tagħna. Iżda diżgrazzjatament għalina l-Għawdxin, saret biss 24 sena wara l-famuż Assedju tal-1551 li matulu ħafna knejjes u kappelli aktarx li sfaw meqruda għal kollox.

Dusina żar f'Għawdex sbatax il-kappella Marjana. Għaxra kienu f'kundizzjoni mhux ħażin, is-sebgħa l-oħra kienu bejn jaqgħu u ma

Is-Santwarju ta' Pinu

Il-Knisja ta' l-Għarb

jaqgħux jew imwaqqa'. Fl-ewwel grupp insibu: il-Matriċi (1), tal-Lunzjata (3), Savina (2), tas-Silġ fuq it-Tomba, Rabat (4), Santa Marija ta' Għajn Xejba, Xagħra (5), Santa Marija ta' Madliena, Kerċem (6), in-Nativitá ta' De Manueli, Għasri (7), Santa Marija fil-Qortin, Sannat (8), il-Viżitazzjoni jew tal-Ġilju, il-Bellieġħa (9), tas-Sokkors, fejn San Ġorġ (10); l-oħrajn kienu: tal-Virtù, Għarb (20), ta' Gajdoru, Ramla (22), Santa Marija ta' Għammar (25), il-Lunzjata f'Wied Sara (26), Santa Marija (iktar tard, il-Kunċizzjoni) tal-Qala (33), Santa Marija ta' Mġarr ix-Xini (34), u Santa Marija ta' Qabbieża (38).

Jidher minn din il-lista li disgħa mis-sbatax il-kappella Marjana miżjura minn Dusina kienu ddedikati lil Santa Marija, għax fil-fatt ta' Gajdoru wkoll kienet iddedikata lil Santa Marija. Nistgħu għaldaqstant nikkonkludu li f'Għawdex medjevali, jew aħjar mit-tmiem tal-ħakma Għarbija fis-sena 1127, id-devozzjoni Marjana f'Għawdex tnisslet mill-ġdid b'qima speċjali lejn it-Tlugħ ta' Marija fis-sema. U taħt id-diversi nazzjonijiet Kattoliċi Ewropej li ħakmuna mill-1127 sal-1530, meta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann, il-qofol tal-Kristjaneżmu fi gżiritna kienet qima u mħabba lejn il-Madonna.

Kif wieħed jistenna, l-ikbar numru ta' kappelli Marjani kien fejn kienu joqogħdu l-maġġoranza tal-Għawdxin: ir-Rabat. Barra l-Matriċi, kien hemm tliet kappelli fil-qalba tar-Rabat u tlieta oħra fit-trufijiet tiegħu. Fl-1575, il-kappelli l-oħrajn kienu mxerrda ma' Għawdex kollu, iżda l-iktar fil-punent tal-gżira.

- **Titjieb il-qagħda u jiżdiedu l-kappelli**

Bil-mod il-mod, il-qagħda tal-Kavallieri fostna bdiet tħalli l-frott; naqsu l-attakki tat-Torok u tal-pirati, żdied ix-xogħol, żdiedu n-nies u żdiedu wkoll il-flus fl-idejn. Minħabba dan żdiedu wkoll il-kappelli Marjani u, fuq kollox, il-qagħda ta' ħafna minnhom tjiebet. Lejn tmiem is-seklu sittax, u preċiżament fl-1598, nafu b'ħames kappelli Marjani oħra. Ta' Itrija fejn San Ġorġ (11), tal-Lunzjata fuq it-Tomba (12), Santa Marija ta' Dbiegi (13), Santa Marija ta' Għajn Meddew (14), u Santa Marija fil-ponta ta' Marsalforn (15).

Fil-Viżta Pastorali tal-1608, l-ewwel waħda li saret fi gżiritna fis-seklu sbatax, jissemmew sitt kappelli oħra: Santa Marija f'Wied Sara (16), Santa Marija ta' Ċini f'Wied l-Għasri (17), Santa Marija fil-ħara ta' San Dimitri (18), Santa Marija fil-ħara ta' Santu Pietru (19), Santa Marija, il-Ħamrija, Xewkija (21), u Santa Marija fil-Qasam tal-Għeżien (23). Kif tjiebet il-qagħda finanzjarja tan-nies żdiedu xejn inqas minn sitt kappelli lill-Assunta, sa mill-ibgħad żminijiet il-Patruna Ewlenija tal-poplu Għawdxi.

Il-Viżta Pastorali tal-1615 issemmi tmien kappelli oħra tal-Madonna li qatt ma jidhru qabel: Santa Marija tad-Dwejra (24), in-Nativitá jew ta' Ħġieri f'Wied l-Għasri (27), Santa Marija taż-Żebbuġ (28), Santa Marija f'Marsalforn (29), il-Lunzjata f'Għajn Meddew (30), tal-Grazzja f'Forn (u mhux kif issemmiet ħażin it-Triq Fomm) il-Ġir (31), il-Viżitazzjoni aktarx qrib ix-Xlendi (32), u l-Lunzjata f'Għajn Qatet (35). Kien f'din is-sena li f'Santa Marija tal-Qala bdiet id-

Il-Knisja tax-Xagħra

devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni li fi ftit snin saret it-titular tal-kappella u, wara l-Matrići, l-iktar kappella devota tal-Madonna ġewwa Għawdex.

Fis-sena 1618 għandna aħbar ta' żewġ kappelli oħra: tal-Pietà, aktarx nitfa ta' kamra żgħira li f'qasir żmien ġiet minfuda ma' San Ġorġ (36) u l-kappella ta' Santa Marija, iżda ddedikata lir-Ritorn tal-Madonna mill-Eġittu, f'Kemmuna (37).

Żewġ kappelli oħra jidhru għall-ewwel darba fil-Viżta tal-1621: il-Viżitazzjoni f'Għajn Ħożna (39) u Santa Marija tal-Qasam fl-inħawi ta' Marsalforn (40). Il-Viżta tal-1630 issemmi wkoll żewġ kappelli ġodda: tal-Kunċizzjoni jew tal-Warda f'ta' Qabbieża (41) u Santa Marija jew ta' Apap f'Wied il-Mielaħ (42).

Qabel ma nkompli fuq l-oħrajn, ngħid kelma qasira fuq tlieta mill-ħafna li semmejt. Santa Marija ta' Dbieġi kienet imperrċa fuq l-għolja ta' l-istess isem u din l-ogħla ponta ta' Għawdex. Minkejja li kienet fl-ogħli kien hemm ħafna devozzjoni lejha — l-Għawdxin riedu li Santa Marija tħarishom mis-sema u mill-ogħla post ta' gżirithom. Il-Kunċizzjoni tal-Qala, kif għidt, mill-ewwel xegħlet qalb l-Għawdxin. Nafu li f'qasir żmien, l-erba' ħitan tal-kappella kienu ċċanati bi kwadri u oġġetti oħra tal-wegħdiet. Fl-aħħarnett Santa Marija ta' Għammar: damet żmien bejn taqa' u ma taqax sakemm fl-1615 sabet benefattur ċertu Pinu Gauci u llum saret is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.

Il-Knisja taż-Żebbuġ

Il-Knisja ta' Kerċem

• Il-bidu tat-tmiem

Wara l-ewwel kwart tas-seklu sbatax, Għawdex għadda minn fenomenu soċjali ġdid: bdew jiżviluppaw l-ewwel irħula. In-nies f'qasir żmien dawru l-attenzjoni tagħhom fuq il-knisja l-eqreb lejhom u ttraskuraw il-kappelli tal-kampanja. Verament bil-bini ta' ħafna kappelli ġodda lill-Madonna u naturalment anke lill-qaddisin xi kappelli bdew jaqgħu qabel. Hekk bejn l-1598 u l-1608 waqgħu erba' kappelli Marjani; erba' oħra waqgħu bejn l-1608 u l-1615. Iżda l-veru traġedja kienet għadha ġejja. Fl-1630, l-Isqof ordna l-egħluq ta' ħames kappelli tal-Madonna minħabba l-istat ħażin tagħhom. It-traġedja ġrat fl-1657: l-Isqof ordna l-egħluq ta' xejn inqas minn sittax il-kappella oħra tal-Madonna. Fosthom kien hemm waħda tal-Kunċizzjoni, Rabat (43) li ftit kienet ilha li nbniet. Minn dawn il-wieħed u għoxrin magħluqa waħda biss reġgħet fetħet: tal-Viżitazzjoni fl-Għarb. Tal-Kunċizzjoni wkoll infetħet xi ftit iżda reġgħet ingħalqet.

L-uniku knisja tal-Madonna li nbniet sat-tmiem is-seklu kienet tan-Nativitá, li laqgħet fiha l-parroċċa l-ġdida tax-Xagħra fl-1692.

Minn rekord ta' **disgħa u għoxrin** kappella tal-Madonna wieqfa fl-istess żmien fl-1630, fl-1700 kien baqa' biss disgħa.

• Jonqsu l-knejjes, tiżdied id-devozzjoni

Id-devozzjoni tal-Għawdxin lejn il-Madonna madankollu xejn ma naqset. Dan jixhduh ċar il-

Il-Knisja ta' Għajnsielem

Viżti tal-Isqfijiet. Minflok kappelli, bdew jiddedikaw lill-Madonna ħafna artali fil-parroċċi l-ġodda.

Matul is-seklu tmintax inbnew ukoll erba' kappelli Marjani: il-knisja parrokkjali tal-Viżitazzjoni, l-Għarb (45), il-kappella tal-Madonna tad-Dawl magħrufa wkoll ta' San Ġużepp tas-Suq (46), tal-Patroċinju f'Wied l-Għasri (47), il-Kunċizzjoni jew tal-Blat fil-trufijiet tal-Qala (48).

Bejn l-1800 u l-1900 inbnew sitta oħra: il-Knisja parrokkjali ta' Loretu, Għajnsielem (50), tal-Madonna ta' Manresa jew ta' San Kalċedonju (51), tal-Karmnu f'ta' Ħamet (52), tas-Sokkors, illum il-parroċċa ta' Kerċem (53), tal-Karmnu, ix-Xlendi (54), is-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù jew tal-Istilla (55), u ta' Lourdes, l-Imġarr (56). Kien ukoll fil-bidu tas-seklu dsatax li l-kappella ta' San Bert, Xewkija (49) saret magħrufa bħala tal-Madonna tal-Ħniena.

Fis-seklu għoxrin, jiġifieri mill-1900 sal-lum, inbnew erba' knejjes oħra Marjani: ta' Pompei (57), tal-Karmnu, Nadur (58), ta' Stella Maris, Żebbuġ (59), u l-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem (60).

Illum minn ħamsin knisja u kappella pubblika tad-Djoċesi ta' Għawdex u Kemmuna, nofshom huma ddedikati lill-Madonna; sitta minnhom huma parroċċi, inkluż il-Katidral ta' Għawdex. Jixraq li b'tifkira tas-Sena Marjana, id-Djoċesi ta' Għawdex toħroġ ktieb bl-istorja tad-devozzjoni Marjana Għawdxija mill-ibgħad żminijiet sal-lum.

GĦALL-AĦJAR XORB U LIKURI

irrikorru għand:

SQUARE CELLAR

TA' PJAZZA SAN ĠORĠ,
VICTORIA, GĦAWDEX.

WandS *Limited — Member of the Farsons Group — Tel. 624951, 25200*

Wara 25 Sena ta' Ħidma Pastorali 1962 - 1987

Minn

MONS. CARMELO SCICLUNA, Arċipriet tal-Katidral

Għaddew 25 sena minn meta jiena ġejt inkarigat biex nieħu ħsieb il-ħidma pastorali fil-Parroċċa tal-Katidral. Ħija, Dun Franġisk miet fit-3 ta' Awissu, 1962. Sa dak iż-żmien kien dan ħija li kien mgħobbi b'din ir-responsabbiltà. Wara l-mewt ta' ħija, l-Isqof Ġużeppi Pace kien talabni biex nitgħabba b'din il-kariga jien u dan ifisser li 'de facto' jien ilni arċipriet 25 sena għalkemm 'de jure' din il-kura ta' l-erwieħ tgħabbejt biha fil-15 ta' Mejju 1976 — il-jum tal-pussess tiegħi bħala Arċipriet tal-parroċċa tal-Katidral.

STRUTTURA MONOLITIKA

Fl-1962, il-Knisja f'Għawdex u fi kważi d-dinja kollha kienet għadha wisq monolitika fl-istruttura tagħha. Ir-riħa ta' istituzzjonaliżmu esaġerat kienet għadha tinxtamm sewwa fil-Knisja. Kienet għadha aktar **centripeta** milli **centrifuga**, kienet jiġifieri aktar ċentralizzata, milli tfittex biex miċ-ċentru tgħaddi għall-periferija. Meta bdejt din il-ħidma pastorali fil-Katidral, id-dimensjoni piramidika tal-Knisja kienet għadha qawwija ħafna u anki f'Għawdex, kienet għadha tinħass sewwa. Kemm kemm ma kenitx beżgħana l-Knisja f'Għawdex f'dan iż-żmien li tippreżenta lilha nfisha bħala 'open-circle' biex fiha jidħlu anki l-lajċi ħalli jagħtu u joffru l-kontribut tagħhom għat-tmexxija tagħha. Kulħadd jammetti li qabel il-Konċilju Vatikan II, l-istruttura piramidika tal-Knisja kienet tiddomina x-xena kollha ta' kull fejn tkun. Fqira kienet għadha l-idea dak iż-żmien li l-lajċi m'humiex numri fil-Knisja, imma huma flimkien mal-Papa, ma' l-Isqfijiet, is-saċerdoti u r-reliġjużi li jifformaw il-Knisja. Dak iż-żmien il-Papa Piju XII (miet fl-1958) kien ġà beda jazzarda jgħid li l-lajċi ma humiex fil-Knisja, imma l-istess Knisja. U għalkemm il-Papa Ġwanni XXIII kien diġà beda jiftaħ it-twieqi biex fil-Knisja tgħaddi arja friska u tfarfarha mill-għabra li kienet inġemgħet fuqha, iżda l-'art' tal-istess Knisja kienet għadha wisq iebsa biex taħdimha u taċċetta li l-lajċi huma l-vuċi tal-Knisja fid-dinja u l-vuċi tad-dinja fil-Knisja. F'dak iż-żmien ma kienx faċli li tikkonvinċi lill-poplu li l-Knisja għandha x'tgħallem lid-dinja u Hi għandha wkoll x'titgħallem mill-istess dinja. L-idea li l-Poplu t'Alla jifforma l-Knisja kienet għadha ma rabbietx egħruq sodi biżżejjed.

Din il-mentalità kelli niret meta pastoralment ħadt 'over' wara ħija Dun Franġisk fil-parroċċa tal-Katidral. Iżda z-ziffa ta' aġġornament kienet ukoll bdiet tinħass. Difatti fil-11 ta' Ottubru, 1962, il-Papa Ġwanni XXIII fetaħ uffiċjalment il-Konċilju Vatikan II, li ġab miegħu bosta tibdiliet għall-aħjar. Ma kenitx ħaġa faċli li minn Knisja tradizzjonali u ornamentali tgħaddi għall-Knisja funzjonali. Sa qabel il-Konċilju Vatikan II, ir-rwol tal-Kappillan fil-Parroċċa kien pjuttost ħafif. Fil-fatt il-Kappillan kien jeżisti aktar biex jagħti l-ordinjiet u jsib min iservih milli biex joffri s-servizzi tiegħu lill-parruċċani li għandu fit-territorju tiegħu. Jien stess inħoss li l-ħidma pastorali tiegħi fil-Katidral kienet ferm aktar faċli minn dik tal-lum. F'dak iż-żmien, ix-xogħol tal-Kappillan kien li jordna lil xi qassisin biex jippriedkaw f'ċerti okkażjonijiet u jagħmel l-omelija fil-quddiesa tal-Ħadd. Dik il-ħabta l-Kappillan biss kien jagħmel l-omelija fil-quddiesa ta' Jum il-Mulej. Mill-bqija kollox jimxi waħdu mingħajr ħafna nkwiet. In-nies kienet tiġi l-Knisja mingħajr il-ħafna appelli u stediniet bil-miktub li jsirulhom illum. Ħajja tal-Kappillan dak iż-żmien kienet żgur aktar paċifika

milli hija llum. U dan ifisser fl-istess ħin li kien aktar diffiċli għalija biex ngħaddi minn dan il-perjodu transitorju: mill-ħidma pastorali ta' qabel il-Konċilju għall-ħidma pastorali ta' wara l-Konċilju Vatikan II, fis-sens li jien ridt nikkonvinċi lill-membri tal-Komunità parrokkjali tal-Katidral li issa ma għadhomx aktar stmati bħala oġġett tal-ħidma pastorali, imma huma wkoll għandhom iħossuhom bħala suġġett tal-ħidma pastorali. Aspett pastorali li fuqu ftit li xejn kienet tagħmel il-Knisja qabel il-Konċilju Vatikan II: Il-lajċi jridu jħossuhom ukoll responsabbli mill-iżvilupp sħiħ tal-bniedem li jgħammar fi ħdan il-kommunità nisranija tagħhom.

Waħda mill-ewwel Konċelebrazzjonijiet li saru fil-Katidral (1967)

LITURĠIJA

Il-Konċilju Vatikan II wettaq riforma kbira fil-Liturġija. Bis-saħħa tagħha fil-liturġija saru ħafna bidliet. Dan l-aġġornament fil-Liturġija ma sarx biex jissodisfa t-tendenza psikoloġika għall-kambjamenti li jħoss fih il-bniedem, imma biex il-funzjonijiet liturġiċi jkunu jappellaw għan-nies taż-żmien li fih tkun tgħix il-Knisja. Kellu raġun Fr. B. Haring josserva li kieku ma kenitx ir-riforma li l-Konċilju Vatikan II gab fil-Liturġija, kieku l-knejjes tagħna llum huma battala għax ħadd m'hu se jiġi l-knisja biex is-saċerdot li jkun imexxi l-funzjoni jkellmu b'lingwa li ma jifhimx.

Waħda minn dawn ir-riformi li ġab il-Konċilju kienet dik li daħħal mill-ġdid fil-Knisja l-Konċelebrazzjoni. Niftakar li kont tħabatt bis-sħiħ ma' l-Isqof G. Pace biex fil-Katidral nintroduċu din il-Konċelebrazzjoni. U fl-aħħar wasalt għal dan l-iskop. Kien difatti d-29 t'April, 1966, li fil-Katidral inżammet l-ewwel Konċelebrazzjoni li ġiet immexxija mill-Arċidjaknu ta' dak iż-żmien, Mons. Pawlu Cauchi. Kont ġibt mill-Oratorju Don Bosco xi bankijiet biex fuq il-Presbiterju seta' jintrema artal proviżorju. L-okkażjoni ta' din il-Konċelebrazzjoni kienet egħluq l-10 snin minn meta s-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irregalat lill-parroċċa tal-Katidral l-istatwa sabiħa ta' l-Assunta. (Għid ta' l-Assunta 1966, p.6).

MAGĦMUDIJIET

In-numru tal-magħmudijiet fil-Katidral kiber ħafna mill-1956 'l hawn. Fil-fatt bejn Awissu 1962 sa Awissu ta' din is-sena, 1987, jiġifieri dawn l-aħħar 25 sena minn mindu bdejt il-ħidma pastorali fil-Katidral saru 915 magħmudija. Il-Konċilju bis-saħħa tal-Kostituzzjoni dwar il-liturġija daħħal rit ġdid fl-amministrazzjoni ta' dan is-Sagrament. Illum il-ġenituri u l-parrini tat-tarbija li titgħammed m'għadhomx aktar spettaturi passivi, imma jridu wkoll jieħdu sehem f'din il-funzjoni liturġika. Fil-parroċċa tal-Katidral l-ewwel magħmudija bir-rit il-ġdid saret minni fis-7-5-1970 meta l-istess rit kien

L-ewwel Magħmudija li saret bir-rit il-ġdid

għadu ma ġiex ippubblikat formalment. Minn dak in-nhar 'l hawn bdiet ukoll il-katekeżi lill-ġenituri li kellhom uliedhom għall-magħmudija. Illum il-ġenituri jeħtieġ li jkunu jafu għal liema responsabilitajiet deħlin qabel igħammdu t-trabi tagħhom għax li wliedhom jirċievu l-magħmudija mhux biżżejjed għas-salvazzjoni tagħhom, imma wisq aktar minn hekk hu meħtieġ li huma jgħixu din il-Magħmudija.

L-EWWEL TQARBINA

L-Ewwel Tqarbina fil-parroċċa tal-Katidral dawn l-aħħar 25 sena bdiet tinżamm fuq livell

Ritratt antik tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina

dejjem oghla pastoralment. Il-preparazzjoni kemm tal-ġenituri kif ukoll ta' wliedhom tibda minn kmieni. Difatti f'dawn l-aħħar snin, it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina jkollhom fiċ-Ċentru Parrokkjali laqgħa speċjali ta' kull xahar, kif ukoll xi laqgħat oħra meta tkun qorbot il-ġurnata ta' l-Ewwel Tqarbina. Il-ġenituri tagħhom, xejn anqas, kien ikollhom minn dawn il-laqgħat. Waħda minnhom tinżamm fl-Avvent, oħra fir-Randan u mbagħad laqgħat oħra qabel il-Jum ta' l-Ewwel Tqarbina ta' wliedhom. Illum l-Ewwel Tqarbina saret ġrajja importanti fil-ħajja pastorali tal-Parroċċa tal-Katidral kif fil-fatt għandha tkun il-għaliex dawn it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina bħala membri adulti tal-Kommunità Parrokkjali jibdew jieħdu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika mhux biss b'mod ħaj, mifhum u kommunitarju, imma wkoll sħiħ.

IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF

Data oħra importanti fil-ħajja tal-parroċċa hija bla dubju ta' xejn il-ġurnata li fiha t-tfal ta' din il-kommunità nisranija jirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni. Matul dawn l-aħħar 25 sena saru żviluppi kbar fil-preparazzjoni ta' dawn it-tfal biex jirċievu dan is-Sagrament tant importanti fil-ħajja tagħhom, għax dan hu Sagrament li jagħmel lil dawn it-tfal Adulti fil-ħajja nisranija. B'dan is-Sagrament dawn it-tfal jikkonfermaw li jwettqu l-wegħdiet li dak inhar tal-Magħmudija daħlu għalihom il-ġenituri tagħhom f'isimhom. Wegħdiet dawn li bihom jiċħdu lix-xitan u l-ġibdiet tiegħu fil-ħajja tagħhom u fl-istess ħin juru bl-għemejjel il-fidi tagħhom f'Alla u fil-veritajiet l-oħra tal-fidi.

Illum dawn it-tfal li jkollhom madwar 10 snin qabel jirċievu dan is-Sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof, issirilhom thejjija intensiva u fit-tul. Huma jiġu mhux biss ippreparati b'katekeżi xierqa, imma wkoll mit-tagħlim igħaddu għall-prattika billi jsarrfu f'egħmejjel it-tagħlim li jkunu qegħdin jirċievu. Biex insemmu eżempju wieħed biss, dawn it-tfal mhux l-ewwel darba għamlu żjajjar lill-morda fil-parroċċa biex jifhmu aħjar li huma mhux membri fil-Knisja, imma parti mill-Knisja. Dan l-aħħar ukoll fil-jum li fih dawn it-tfal jirċievu dan is-Sagrament qegħdin jagħmlu servizz paraliturġiku li permezz tiegħu jwasslu t-tagħlim dwar dan is-Sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof. L-istess tfal ukoll f'din il-ġurnata joffru xi flus milli jkollhom imfaddlin għat-tfal ta' l-Istituti tal-Karità li għandna fid-Djoċesi. F'dawn l-aħħar snin ukoll qtajt id-drawwa li fuq il-Presbiterju jkun hemm ruxxmata ta' fotografi jiġru bil-konsegwenza li kienu jtellfu l-attenzjoni tal-poplu minn dak li jkun qed isir waqt l-amministrazzjoni ta' dan is-sagrament.

IL-KOR 'MARIA ASSUNTA'

Il-Kor 'Maria Assunta' ġie mwaqqaf fl-1968 u ġie nawgurat fid-29 ta' April. Kont jien li avviċinajt lil Miss Maria Zammit L.R.S.M. biex tieħu ħsieb dan il-Kor. U bdiet din is-sinjorina tgħallem lil xi tfajliet il-kant bil-Malti wara xi appelli li jien kont għamilt imma fuq l-artal. Niftakar li n-nies kollha li kienu preżenti għall-ewwel darba li deher dan il-kor fil-pubbliku lkoll kemm huma baqgħu mistagħġba bil-perfezzjoni tal-kant li dan il-kor kien offra. Niftakar ukoll li fl-1968 kont ġejt intervistat għal-'Leħen is-Sewwa' (tat-22 ta' Mejju, 1968) mis-Seminaris-

L-ewwel ritratt tal-Kor 'Maria Assunta fis-sena 1968

ja Anton Sultana (illum Arċipriet tal-Qala) dwar dan il-Kor. F'din l-intervista jien kont ġejt mistoqsi kif u meta ġieni l-ħsieb li nwaqqaf dan il-Kor. Għal din il-mistoqsija jien kont weġibt b'dan il-mod: "Wara l-pubblikazzjoni tal-Kostituzzjoni 'Sacrosanctum Concilium' dwar il-liturġija, kull parroċċa għandu jkollha Kor tagħha sabiex il-funzjonijiet liturġiċi jiehdu aktar kulur u l-fidili jiksbu aktar frott u jiehdu sehem aktar intelliġenti fil-liturġija. Dan kien il-ħsieb ewlieni li ġagħalni nwaqqfu dan il-Kor". Dan il-kor għadu jeżisti u għadu joffri ħafna servizzi kemm fuq bażi parrokkjali kif ukoll fuq bażi kapitulari. Bizzejjed ingħid li dan il-Kor joffri l-kant kollu bil-Malti li titlob il-Liturġija fil-Ġimgħa Mqaddsa. F'dawn iż-żminijiet jien dejjem kont f'kuntatt kontinwu ma' Patri Bert Borg O.S.A. li kien jieħu ħsieb jimmużika l-kant liturġiku li kienet titlob ir-riforma tal-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II. Fil-fatt kien dejjem jibgħatli l-karti kollha mużikati tal-kant bil-Malti li kienet toħroġ il-Kummissjoni Provinċjali tal-Liturġija. Sal-lum ħafna minn dan il-kant għadu jitkanta għax tassew hu kant kif titlob ir-riforma Liturġika kontemporanja.

GħOSRIEN

Sa mill-1968 ukoll bdew jitkantaw għosrien bil-Malti kif titlob il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II. Kien l-imsemmi Patri Bert li kien ħa ħsieb jimmużikali xi salmi għall-għosrien kantati bil-Malti. Qatt qabel ma kien għadhom tkantaw għosrien bil-vernakulari għax sa l-1965 kien għad m'hemmx permess mill-Knisja. Evidenti l-iskop kien li l-poplu, l-assemblea liturġika, tieħu sehem anki fit-talba ta' filgħaxija billi tkanta għax il-Poplu t'Alla kollu kemm hu għandu jieħu sehem fil-Liturġija tas-Sigħat. Aktar tard anki l-għosrien pontifikali bdew jitkantaw bil-Malti fuq mużika ġdida tal-Maestro di Capella tal-Katidral, il-Kan. Dun Martin Portelli. Illum l-għosrien kollha li fihom jieħu sehem l-Isqof jitkantaw bil-Malti. Il-poplu hemm bżonn li jifhem aktar li dawn l-għosrien qegħdin jitkantaw bil-Malti biex fihom huwa jieħu sehem u jikkonvinċi lilu nnifsu li dawn huma wkoll ħwejjeġ meħtieġa għall-formazzjoni kontinwata tiegħu spiritwali. Anki s-salmi ta' l-Uffiċċju tal-Qari tal-Lejl tal-Milied bdew jitkantaw bil-Malti sa minn ħafna snin ilu kif ukoll kant ieħor li kollu kemm hu ġie mmużikat minn Patri Bert Borg, Agostinjan.

Il-parroċċa tal-Katidral kienet waħda minn ta' quddiem nett biex ma ngħidx l-ewwel waħda li introduċiet il-quddies kantat bil-Malti, dejjem kif titlob ir-riforma liturġika. Hawnhekk ukoll ta' min isemmi ż-żwiġijiet li bdew isiru bir-rit il-ġdid fil-Katidral. Kienet ukoll il-parroċċa tal-Katidral li żewġet għall-ewwel darba bir-rit il-ġdid fid-9 ta' Mejju, 1970 lill-koppja Lino Hili - Pauline Grech. U sal-lum f'dawn iż-żwiġijiet, il-kant kollu jsir bil-Malti bil-parteċipazzjoni tal-Kor 'Maria Assunta'. Ma tantx kienet ħaġa faċli li ddaħħal dan ir-rit il-ġdid taż-żwieġ fil-parroċċa. U din hija ħaġa l-aktar loġika għax mhux la kemm tbiddel il-mentalità ta' mijiet u mijiet ta' snin. Għalkemm illum fadal xi wħud li jridu jirritornaw għal dak li kien isir qabel il-Konċilju Vatikan II dawn huma l-eċċezzjonijiet li jagħmlu ċerta insistenza fuq ċerti riti li llum għadda żmienhom u ma jagħmlux sens aktar. Fid-dinja mhux possibbli li kollox ikun 'plain-sailing'. F'kull inizjattiva li wieħed jieħu, dejjem jiltaqa' ma' xi tfixkil. Din hi biċċa mill-ħajja.

L-ewwel żwieġ bir-rit il-ġdid fil-Katidral. L-għarus jitqarben mill-Kalċi

ĠIMGħAT SPEĊJALI

Kont jien li fil-parroċċa tal-Katidral daħħalt ċerti Ġimgħat biex inżomm il-parroċċa dejjem ħajja. Difatti fi Frar tiġi ċelebrata l-Ġimgħa tal-Parroċċa (bdiet fis-sena 1978) li fiha jsiru bosta attivitajiet pastorali, kulturali, filantropiċi u rikreattivi. F'din il-Ġimgħa jiġu milħuqin kważi l-membri kollha tal-parroċċa. F'Mejju wkoll ilha tinżamm il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika. Kienet il-parroċċa tal-Katidral li bdiet l-ewwel tiċċelebra din il-Ġimgħa li fiha jiġu amministrati bosta sagramenti. Ġie li f'din il-Ġimgħa ġew amministrati s-7 sagramenti. Hawnhekk ta' min isemmi li l-Espożizzjoni Solenni bdiet tinżamm f'egħluq din il-Ġimgħa. Qabel il-Kwaranturi kienu jsiru fl-aħħar tlitt ijiem tas-sena. Iżda mill-

1965 il-Kwaranturi bdew isiru l-Ħadd ta' fuq l-Axxensjoni fuq talba li jien kont għamilt lill-Isqof Mons. Ġ. Pace. Minn dak in-nhar 'l hawn, dawn il-jiem ħadu xejra għall-aħjar u bdiet ukoll issir il-Purċissjoni Ewkaristika mat-triqat prinċipali tar-Rabat għaliex sas-sena 1965 din il-purċissjoni ma kenitx tinżamm bħala egħluq ta' din l-Espożizzjoni Solenni.

Il-ġranet tal-festa huma wkoll mezz qawwi biex iżżomm lill-parroċċa f' 'tempo forte' bħalma jgħidu t-Taljani. Dawn l-aħħar 25 sena kibret ħafna l-festa ta' Santa Marija fil-Knisja Katidrali. Kibret fis-sens li fil-ġranet ta' qabel il-festa mhux bħal qabel jiġi saċerdot iqaddes u jippriedka għal ħmistax-il ġurnata wara xulxin u kollox jimxi waħdu, qisha kienet festa kompjuterizzata. Illum il-festa li tibda mit-30 ta' Lulju toffri okkażjoni sabiħa biex fiha jieħdu sehem il-membri kollha tal-kommunità parrokkjali. L-attivitajiet li jsiru f'dawn il-ġranet jinvolvu lis-saċerdoti, lir-reliġjużi nisa, lill-membri ta' l-għaqdiet, lill-grupp tal-vokazzjonijiet, lill-ġenituri, lill-miżżewġin, liż-żgħażagħ, lit-tfal, lill-morda u anki lill-anzjani.

Fl-1976 introduċejt ukoll il-Mini Missjoni fix-xahar ta' Novembru li tikkonsisti f'Ġimgħa ta' priedki u laqgħat għall-miżżewġin, għall-irġiel, għan-nisa, għaż-żgħażagħ kif ukoll għat-tfal. Din il-missjoni li llum kisbet ċerta popolarità qiegħda sservi wkoll ħalli tagħti lill-parroċċa injezzjoni biex iżżommha ħajja. Il-parroċċa wkoll tal-Katidral sa mis-sena 1970 bdiet torganizza l-Ġimgħa Bibblika li kienet tinżamm fil-ġranet ta' qabel il-Milied. Matulha kienu jsiru bosta attivitajiet bibbliċi bħalma huma servizz bibbliku tal-Kelma t'Alla u xi kwizz bibbliku għat-tfal. Din il-ġimgħa daż-żmien qegħda ssir

Fil-Ġimgħa Ewkaristika u Liturġika jiġu mgħammdin bosta trabi

f'Jannar biex inkunu konformi mad-direttivi djoċesani. L-aħħar, iżda mhux l-inqas, il-Purċissjoni tal-Passjoni f'għamla ta' Pageant Bibbliku li ħarġet mill-Katidral għall-ewwel darba fl-1968 kienet, għadha u nittama li tibqa' inċentiv qawwi li jiċċarġja l-batterija tal-ħajja pastorali tal-Katidral. Għalkemm din il-purċissjoni tinvolvi ħafna ħsieb, xogħol u organizzazzjoni, madankollu, tfakkar b'mod qawwi lill-parruċċani tal-Katidral li huma membri ta' kommunità li fiha jeħtieġ li jaħdmu id f'id. Veru li purċissjoni bħal din hi parti mir-reliġjożità popolari, imma daqstant ieħor huwa veru li meta tinkwadraha fil-kuntest ta' dak li titlob il-ħajja nisranija wara l-Konċilju, din il-purċissjoni fadlilha wkoll il-valur tagħha.

Ir-ritratt juri l-Knisja Katidrali waqt waħda mis-serati kulturali bis-sehem tal-Kor u tal-banda ċittadina 'Leone'

L-ASPETT KULTURALI

L-aspett kulturali fil-Parroċċa tal-Katidral f'dawn l-aħħar 25 sena ma kienx xi fenomenu marġinali jew xi ġrajja limitata għal darba kull għaxar snin. Il-ħidma kulturali fil-ħajja ta' din il-parroċċa mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn ħadet mhux biss spinta 'l quddiem imma saret ukoll normalità u regolarità fil-kalendarju ta' l-attivitajiet li ta' kull sena jitwettqu f'din il-parroċċa. Din it-tendenza fil-parroċċa tal-Katidral ma setgħetx ma tinħassx sewwa f'dawn l-aħħar snin il-għaliex fid-dinja ta' llum ma tistax tibni tabilħaqq kommunità parrokkjali post-konċiljari mingħajr ma tagħti lill-kultura l-importanza li jixirqilha. Difatti l-istess Konċilju Vatikan II sostna bil-qawwa kollha: "**Il-kultura tieħu post mill-aqwa fis-sejħa integrali tal-bniedem**". (Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-Dinja ta' Llum, 57). Dawn il-kelmiet jagħtu indikazzjoni ċara li fil-ħsieb tal-Knisja l-fidi u l-vera kultura mhux biss m'humiex f'konflitt bejniethom iżda huma komplimentari. Ma jistax ikollna tabilħaqq

Xena waqt wieħed mill-pageants tar-Randan

fil-bniedem żvilupp kulturali fil-veru sens tal-kelma jekk ruħu tibqa' sajma mir-rikkezzi spiritwali.

Dawn l-attivitajiet kulturali fil-qosor kienu jikkonsistu f'serati mużikali u letterarji, f'pageants, f'mimi reliġjużi, f'Ballati xeneġġjati, f'wirjiet bibbliċi, artistiċi, liturġiċi, ecc., fi kwizzes, kompetizzjonijiet u f'diversi pubblikazzjonijiet. Din il-ħidma kollha kulturali fil-parroċċa tal-Katidral tixhed tajjeb dak li stqarr il-Papa reċentement meta kien qed ikellem lin-nies ta' livell għoli kulturali: "**Jekk intom tinkwadraw il-kultura tagħkom fin-nomenklatura tal-Vanġelu, fil-Knisja intom issibu l-akbar alleata tagħkom.**"

OPRI FIL-KNISJA

Għalkemm biex tibni Knisja funzjonali, wieħed ma jridx jagħmel enfasi żejda fuq l-opri ornamentali fil-Knisja tal-ġebel, madankollu dan ma jfissirx li jien ma għamiltx il-parti tiegħi biex jitwettqu xi wħud minn dawn l-opri. Tajjeb li hawnhekk insemmu xi wħud minnhom li wettqet il-parroċċa tal-Katidral f'dawn l-aħħar 25 sena: l-opra tal-linef tal-kristall (1965-66), it-tkomplija ta' l-opra tat-trieħi rrakkmati li kien beda u kważi temm Mons. T. Gatt (1965-66), l-opra tal-bankun ta' S. Marija bl-ornati tal-bronż (1966); in-niċċa ta' l-irħam ta' S. Marija (1966); l-opra tal-buqar u żewġ baċili tal-fidda (1966); l-opra tal-Baldakkin irrakkmat (1971); il-vintartal u l-gwarniċ tal-fidda għall-artal tal-Kappella tas-Sagrament (1970); l-opri ta' l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira (1968-70); kuruna ta' deheb mastizz fuq ras ix-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari (1975); l-opra taż-żewġ anġli tal-bronż għal madwar il-kwadru titulari inkurunat ta' l-Assunta (1979); l-opra tar-restawr (żebgħa u ndoratura) ta' l-istatwa ta' l-Assunta (1980); l-opra ta' l-istellarju mżejjen bil-brillanti għal ras l-istatwa ta' l-Assunta (1981) u l-opra li l-faċċata tal-Knisja ġiet ornata b'disinni ġodda bid-dawl elettriku mid-Ditta Mompalao (1985), u l-opra tas-Sedja taċ-Ċelebrant (1987).

Veru li opri bħal dawn jibnu l-Knisja ornamentali u mhux il-Knisja funzjonali, il-Knisja ħajja li għandha bħal 'ġebla tax-xewka' lil Kristu. Iżda ftit jew wisq igħinu wkoll b'xi mod biex għada pitgħada nagħmlu parti mill-Knisja bla tikmixa.

Il-faċċata tal-knisja ġiet ornata b'disinni ġodda bid-dawl elettriku mid-Ditta Mompalao (1985)

L-AKBAR SODISFAZZJON

Matul dawn l-aħħar 25 sena kellna ngħaddu minn bosta maltemp. Fil-fatt kull inizjattiva li tieħu u f'kull attività li twettaq iġġib magħha xogħol, taħbit, u wkoll inkwiet u wġiegħ ta' ras. Iżda s-sodisfazzjon ta' dawn l-inizjattivi qatt ma naqas. F'dan il-kwart ta' seklu fil-parroċċa tal-Katidral kważi kollu għexnih fin-nomenklatura ta' l-aġġornament li ġab miegħu l-Konċilju Vatikan II u b'veru aġġornament ma nifhmux perjodu ta' akkomodazzjoni li jwassal għas-sekularizzazzjoni tal-parroċċa, imma jfisser apertura missjunarja u evanġelika għas-salvazzjoni integrali tal-bniedem. Missjoni bħal din ma setgħetx ma ġġibx magħha taħbit imma wkoll sodisfazzjon. Iżda x'uħud minn dawn l-attivitajiet li organizzajt u x'uħud mill-inizjattivi li daħħalt fil-parroċċa ħallew fija sodisfazzjon aktar minn oħrajn. U dawn huma:

* Il-festi kbar li saru fl-1975 fl-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni tax-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari tal-Katidral. Fiha, barra mir-Rev.mu Kapitlu ta' l-istess Katidral,

Wara l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari

ħadu sehem 5 Isqfijiet kif ukoll il-Kardinal Franco Seper li nkuruna din ix-xbieha b'kuruna tad-deheb.

* Il-festi wkoll kbar li saru fl-1981 biex ifakkru egħluq il-25 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irregalat lill-parroċċa tal-Katidral l-istatwa sabiħa ta' Marija Assunta. Fost il-ħafna attivitajiet li saru, ġie mqiegħed f'ras l-istatwa ta' l-Assunta, stellarju ġdid imżejjen bil-brillanti.

* L-inawgurazzjoni ta' Ċentru Parrokkjali fl-1982 biex infakkar b'mod ħaj egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi. Il-parroċċa kellha titgħabba b'piż kbir finanzjarju għal dan l-iskop. Mhux inqas minn Lm2000 trid toħroġ kull sena l-parroċċa biex iżżomm dan iċ-Ċentru. Għalkemm għall-parroċċa, somma ta' flus bħal din hi iebsa ħafna, iżda min-naħa l-oħra hemm is-sodisfazzjon li kull kategorija tal-Kommunità Parrokkjali qed tibbenefika minnu

L-inawgurazzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral

* L-introduzzjoni tat-Talba ta' Sbiħ il-Jum integrat mal-Konċelebrazzjoni Konventwali ta' kull nhar ta' Ħadd. Fl-1982 ukoll biex inħalli 'souvenir' mhux tal-karti jew xi materjal mejjet ieħor imma 'souvenir' ħaj jiena kont ktibt lir-Rev.mu Kapitlu biex tidħol din l-inizjattiva. Din it-talba ġiet milqugħa bil-qalb. Jien stess f'din iċ-ċirkustanza kont kellimt lill-membri ta' l-għaqdiet biex inizjattiva bħal din jagħtuha l-importanza li jistħoqqilha fl-era post-konċiljari. Għalkemm in-numru tal-lajċi jista' jkun ferm akbar għal inizjattiva bħal din, madankollu wieħed ma jaqtax qalbu.

Il-Ftuħ tal-'Catholic Bookshop'

* L-inawgurazzjoni ta' 'Catholic Bookshop' anness maċ-Ċentru Parrokkjali fl-1983. Fi żmienna, kien ilu jinħass il-bżonn ta' dan il-Bookshop. Illum flok wieħed għandna tnejn. Dan il-ħanut żgur li mela lakuna li kienet ilha

tinħass għall-iżvilupp tal-ħajja pastorali. Għà għaddew aktar minn 4 snin mill-ftuħ tiegħu. Għalkemm id-diffikultajiet ma jonqsux, iżda żgur li dan il-'Catholic Bookshop' qed jilħaq l-iskop tiegħu.

• It-twaqqif u l-bini tal-Biblijoteka Parrokkjali li ġiet miftuħa uffiċjalment minn Mons. Isqof N. Cauchi fit-22-12-1979. Illum din il-Bibljoteka tinsab ukoll fiċ-Ċentru Parrokkjali u tħgodd 'il fuq minn 10,000 ktieb. Bosta kienu dawk li għamlu donazzjonijiet ta' kotba lil din il-Bibljoteka. Iżda ried ikun Fr. Tony Mercieca, saċerdot tal-parroċċa tal-Katidral, li qed jaħdem

Fr. Tony Mercieca, il-benefattur ewlieni tal-Bibljoteka Parrokkjali

pastoralment fl-Amerika, biex din il-Bibljoteka llum hija waħda mill-aqwa li għandna f'Malta u f'Għawdex. Fil-fatt kien dan Fr. Tony li bagħat u għadu jibgħat mill-Istati Uniti ħafna minn dawn il-kotba. U ried ikun ukoll is-Sur Anton Farrugia, il-Bibljotekarju preżenti, biex din il-Bibljoteka llum qed tiffunzjona b'mod xjentifiku u anki b'mod effiċjenti. Fil-fatt illum huma ħafna l-Għawdxin u mhux biss il-parruċċani li qegħdin jisselfu kotba minn din il-Bibljoteka Parrokkjali għall-qari. Dan għalija personalment hu ta' sodisfazzjon kbir.

L-AĦĦAR KELMA

L-aħħar kelma tiegħi hi ta' radd il-ħajr lil Alla li min jaf kemm waqaf miegħi matul dawn il-25 sena. Mingħajr l-għajnuna tiegħu ma stajtx inwettaq xejn. Radd ta' ħajr lill-Verġni Marija Assunta li bis-saħħa tal-funzjoni subordinata tagħha fl-opra tal-Fidwa żgur li ma naqsitx li tidħol għalija quddiem Binha Ġesù f'din il-ħidma pastorali. Radd ta' ħajr ukoll lil Mons. Isqof N. Cauchi li fih dejjem sibt il-bastun li fuqu stajt nistrieħ f'din il-missjoni qaddisa tiegħi. U fl-aħħar iżda mhux l-inqas inrodd ħajr lill-membri tal-Presbiterju u tal-Kunsill Parrokkjali li offrew servizzi mhux ċkejknin biex stajt nagħti n-nifs tal-ħajja lill-parroċċa tal-Katidral u nwaqqafha mill-ġdid fuq saqajha. Jien inxebbah lill-Arċipriet jew lill-Kappillan f'parroċċa ma' surmast tal-mużika jew tal-banda. Dan is-surmast waħdu ma jagħmel xejn, allavolja jkollu l-bakketta f'idu. Jeħtieġ bosta persuni attivi oħrajn. Fuq kollox dawn il-persuni jeħtieġ li jkollhom l-istrument f'idejhom u mhux ilkoll l-istess strument, imma strumenti differenti. Imbagħad il-funzjoni ta' dan is-surmast tista' tagħmel sens u toħloq armonija fil-widnejn bil-ħoss. Hekk ukoll l-Arċipriet jew il-Kappillan fil-parroċċa. Mingħajr l-għajnuna tas-saċerdoti u ta' bosta lajċi għandu idejh marbuta b'mod li ma jista' jwettaq kważi xejn. U dan kollu jfisser li jekk jien wasalt biex inwettaq din il-ħidma pastorali kollha matul dawn il-25 sena, dan għar-raġuni li jien sibt il-koperazzjoni u kollaborazzjoni tas-saċerdoti u ta' bosta lajċi. Jalla din l-għajnuna tiżdied biex l-orjentazzjoni lejn is-sema tal-parruċċani kollha bħala pellegrini eskatoloġiċi, tibqa' miexja f'direzzjoni tajba bil-konsegwenza tal-kisba ta' l-ogħla valur: Alla nnifsu.

QRARA U TQARBINA
F'JUM SANTA MARIJA
HUMA L-ISBAĦ RIGAL LI NISTGĦU NOFFRU LILL-ASSUNTA

1 ta' Awissu, 1986

Kronaka tal-



BIDU TAL-HAJJA NISRANIJA

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem it-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	3- 8-86	Alan	Joe u Helen Cini
2.	3- 8-86	Lucienne	Loretu u Rita Vella
3.	10- 8-86	Mark	John u Pacenzja Caruana
4.	31- 8-86	Mario	Grazio u Carmen Rose Vella
5.	31- 8-86	Anthony	Raymond u Lora Galea
6.	4- 9-86	Melanie	Frankie u Anna Rita Muscat.
7.	7- 9-86	Manrico	Eugene u Gesualda Bugeja.
8.	14- 9-86	Adrian	Ewkaristiku u Jane Grech.
9.	14- 9-86	Melissa	Joseph u Marisa Tabone.
10.	21- 9-86	Emily Margaret	Teddy u Frances Vella.
11.	22-10-86	Joseph	John u Anna Bartolo.
12.	16-11-86	George	Anthony u Antonia Spiteri.
13.	21-11-86	Frans	Mario u Victoria Kitcher.
14.	30-11-86	Joseph-Vincent	Joseph u Rita Refalo.
15.	17-12-86	Micheline	Henry u Maria Magrin.
16.	21-12-86	Maria	Mario u Agnes Caruana.
17.	21-12-86	Marita	John u Frances Cassar.
18.	4- 1-87	Mark Philip	Mario u Marlene Schembri.
19.	11- 1-87	Daniel	Thomas u Sylvia D'Anastasi.
20.	8- 2-87	Catherine	John u M'Lourdes Dimech.
21.	10- 2-87	Jean-Paul	Teddy u M'Grace Xerri.
22.	22- 2-87	Gerard	Carmel u Mariella Abela.
23.	22- 2-87	Christiana	Stephen u Josephine Farrugia.
24.	2- 3-87	Lara	Effie u Louise Mompalao.
25.	8- 3-87	Juston	Anton u Salvina Vella
26.	19- 4-87	Angele-Marie	Charles u Josephine Haber.
27.	26- 4-87	Joseph	Joe u Luigia Caruana.
28.	1- 5-87	Joanna	Emanuel u Maria Vella
29.	13- 6-87	Rosanna	Noel u Michelina Xerri.
30.	14- 6-87	Anthony	Jack u Tereża Bugeja.
31.	14- 6-87	Nadine	Leo u Gracie Sciortino.
32.	14- 6-87	Victoria-Martha	Carmelo u Gracie Cassar.
33.	28- 6-87	Charlene	Raymond u Salvina Micallef.
34.	28- 6-87	Nadia-Marie	Ridba u Maria Gamsedi.
35.	28- 6-87	Adrian	Joe u Doris Gatt.
36.	5- 7-87	Mark Anthony	Richard u Jane Zammit.

LISTA TA' TFAL TA' L-EWWEL TQARBINA
1986 — 1987

1.	Attard Mark	Louis - Isabelle	14, Capuchin's St.
2.	Attard Joseph	Ġorġ - Carmen	35, St. Domenic St.
3.	Azzopardi Celine	Joe - M'Grace	NB Plot 14, Fomm il-Ġir St.
4.	Attard Mariella	Anthony - Maria	'S. Antonio House', Ġilju St.
5.	Azzopardi Marlene	Ludovico - Maria	17, Foreman St.
6.	Azzopardi Maureen	Frederic - Carmen	'Is-Sliem', G. Ellul Mercer St.
7.	Bajada Josef Karl	Emanuel - Pauline	Bl 1, K.B. Sannat St.
8.	Bezzina Sharon	Joseph - Geltrude	196, St Ursula St.
9.	Borg Matthew	Ronald - Josephine	'Jessica', St Ursula St.
10.	Buttigieg Romina	Victor - Konċetta	Terraced Hse, Type 1, 4 Govt Hse, Sannat Rd.
11.	Camilleri Kevin	John-Paċenzja	70, Mattia Preti St.
12.	Camilleri Marvic	Victor - Rose	c/o Assumption St.
13.	Cardona Mario	Mario - Pawla	Bl C, Flat 1, Sannat Rd.
14.	Camilleri Joelle		N.B. Republic St.
15.	Camilleri Manwel	Alfred - Giorgia Rita	6, Main Sq.
16.	Cefai Rosemary	Sylvio - Grace	'Cefai House', Viani St.
17.	Curmi Miriam	Emanuel - Mary	67, St George's St.
18.	Debono Shawn	Saviour - Tereża	'Ġawhra', Karlu Galea St.
19.	Dimech Jennifer	John - M'Lourdes	'God Bless Canada', Sump St.
20.	Dimech Lorna	Frank - Tereża	'Dimech House', Capuchin's St.
21.	Gatt Lucian	Paul - Mary	9, Terraced Hse, Type 1, Sannat Rd.
22.	Galea Carol	Carmel - Grace	'Vale View', Annunciation St.
23.	Gatt Jason	Manwel - Beatrice	30, Capuchin's St.
24.	Gauci Louis	Sylvio - Rose	St Domenic St.
25.	Grech Johan	Carmel - Maria	'Għedrin House', St Ursola St.
26.	Grech Alison	Teddy - Josephine	'Checkmate', G. Ellul Mercer St.
27.	Grech Josette	Carmelo - Carmen	N.B. Ġilju St.
28.	Grech Alvin	Joe - M'Dolores	'Sunflower', Annunciation St.
29.	Magro Christian	John - Lynn	'Magro Court', Plot 3, N.B. Off St Mary St, M'Forn.
30.	Mejlaq Malcolm J.	Joseph - Carmen	N.B. Antonio Mallia St.
31.	Mercieca Joseph P	Ġorġ - Maria	87, Republic St.
32.	Micallef Jonathan	Carmelo - Mary	Fl. 19, Govt. Hse Est. Sannat Rd.
33.	Muscat Mark Anthony	John - Emilia	59, New St Off Capuchin's St.
34.	Refalo Rowanna	Joseph - Frances	55, Republic St.
35.	Schembri Mark	John - Pauline	'JohnPaul', Castle St.
36.	Said Frances	Anthony - Victoria	Plot 74, Wied Seqer St.
37.	Spiteri Josefa	Emanuel - Mary	41, St George's St.

www.sannatheritage.org.mt

38.	Sultana Pauline	Paul - Saveria	'Saveria', By the Bastion Rd.
39.	Vella Carlo	Toni - Grace	Bl HA, Fl 3, Sannat Rd.
40.	Vella Christian	Vincent - Doreen	N.B. New St Off Capuchin's St.
41.	Żammit Nicholas	John - Pawla	'Zammit', Palm St.
42.	Hili Silvan Mario	Santu - Frances	'Madonnina', Fomm il-Ġir St.
43.	Zahra Frances Joseph	Paul - Josephine	N.B. Republic St.
44.	Psaila Alexia M.	Frank - Rose	14, Sir Paul Boffa St.
45.	Buttigieg Ruben	Carmelo - Maria	'The Roses', 8th December St.
46.	Portelli Jason	Ġorġ - M'Assunta	'Qalb ta' Ġesù, St Domenica St.
47.	Grech Marika	Carmelo - Antida	34, St Ursula St.
48.	Azzopardi Salvu	Joseph - Ġorġina	12, Wied Sara St.
49.	Bajada Neville	Frank - Josephine	'Notre Dame', Sacred Heart St.
50.	Bezzina Shyril	Joseph-Gracie	'Canadian Paradise', Republic St.

TFAL TAL-GRIŻMA — 1987

1.	Apap Leo	Colin - Antoinette	138, St Ursula St.
2.	Apap Miriam	Joseph - Maria	27, By the Bastion St.
3.	Attard Christopher	Louis - Isabelle	14, Capuchin's St.
4.	Attard Joanna	John - Victoria	'Nivinak', Republic St.
5.	Attard Lawrence	Nikol - Victoria	12A, Library St.
6.	Attard Pierre	Anthony - Maria	'St Antonio', Ġilju St.
7.	Buttigieg James	Emanuel - Vincenza	Bl G, Flat 5, Sannat Rd.
8.	Borg Marlene	Edwin - Nancy	'Corner House', 3, Sannat Rd.
9.	Calleja Frances	Joseph - Grace	'Ave Marija', Sagħtar St.
10.	Cassar Joanne	Joseph - Mary	'Notre Dame', Ġ. Ellul Mercer St.
11.	Calleja Mark	Anthony - Antonia	'Pentlands', Sagħtar St.
12.	Camilleri Peter P.	P. Paul - Josephine	52, Xagħra St.
13.	Debono Marthese	Anthony - Maria	Pl. 3, N.B. Fomm il-Ġir St.
14.	Debono Gin Eve	Emanuel - Josephine	17, 7th June 1919 St.
15.	Debrincat Celine	Saviour - Ċettina	50, St Ursula St.
16.	Debrincat Marion	Saviour - Ċettina	50, St. Ursula St.
17.	Farrugia Monica	Paul - Maria	5, Sir Paul Boffa St.
18.	Fenech Pauline	Lorry - Mariella	7, Terraced Hse Type 1, Sannat Rd.
19.	Fiteni Nathalie	Anthony - Carmela	100, St. Ursula St.
20.	Grima Michelle	Salvu - Maria	'God Bless Our House', Sannat St.
21.	Grech Diane	Teddy - Josephine	'Checkmate', Ġ. Ellul Mercer St.
22.	Grech Romina	Salvu - M'Assunta	c/o 48 St George's St.
23.	Gauci Doreen	Joseph - Cettina	'St Mary House', Sannat Rd.
24.	Mercieca Josephine	Joseph - Michelina	'Joslin House', Borg Gheritu St.
25.	Mercieca Michelle	Emanuel - Reġina	N.B. Capuchin's St.
27.	Said Franco	Mario - Carmela	42, Foreman St.
28.	Vella Joseph	Francis - Rose	'Maple Leaf', P. Magri St.

www.gozocathedral.org.mt

29.	Vella Mark	Salvu - Salvina	'Madonnina', Sannat Rd.
30.	Vella Marlin	Salvu - Salvina	'Madonnina', Sannat Rd.
31.	Vella Ruben	Carmel - Mary	16, 7th June 1919 St.
32.	Zammit Gabrielle	Sylvio - Antonia	8, Archp. Cassar St.
33.	Zammit Laura	Antonio - Nina	Blk 1A, Flat 1, 8, Sannat Rd.
34.	Zammit Ruth	Anthony - Konċetta	13, 7th June 1919 St.
35.	Zammit Mark	Benny - Elisabeth	'Madonna ta' Pinu', Għedrin St.
36.	Xerri Stephen	Anthony - Rose	23, Kerċem St.
37.	Spiteri Sandra	Leli - Mary	41, St George's St.

Ismijiet ta' dawk li daħlu għall-Prokreazzjoni u t-Trobbija tal-Ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ

Ismijiet ta' dawk li daħlu għall-Prokreazzjoni u t-Trobbija ta' l-Ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ

Lulju 86:	Publius Borg u Doreen Abela.
Awissu 86:	Ridha Gammoridi u Marija Said.
	Awissu 86:
Awissu 86:	Raymond Sultana u Tereża Vella.
Settembru 86:	Ronnie Bezzina u Pauline Xuereb.
	Martin Cutajar u Marthese Caruana.
	Carmelo Mercieca u Carmela Sultana.
	Alfred Buttigieg u Rose Rita Attard.
	Mario Azzopardi u Maria Mercieca.
	Dominic Fenech u M'Louise Vella.
Ottubru 86:	Paul Galea u Jacquiline Grech.
	Joseph Camilleri u Maria Abela.
	Alfred Fiteni u Coronata Zahra.
	Michael Attard u Maria Cassar.
Diċembru 86:	Noel Grech u Evelyn Portelli.
	Alfred Hili u Pawla Spiteri.
	Emanuel Vella u Maria Grima.
Jannar 87:	Teddy Caruana u Josephine Agius.
Marzu 87:	Dr Joseph Xuereb u Elsie Portelli.
April:	Carmelo Buttigieg u Ġwanna Sultana.
	John Xuereb u Sylvana Grech.
Mejju 87:	Joseph Micallef u Vivienne Portelli.
	George Haber u M'Grace Vella.
Ġunju 87:	Carmel Axiaq u Anna Xerri.

www.gozocathedral.org.mt

"Aghtihom O Mulej il-mistrieh ta'dejjem"

DAWK LI DAHLU JISSAFFEW FIL-PURGATORJU

1.	Grech Michael	8 ta' Awissu, 86.
2.	Vella Giorgia	26 ta' Awissu, 86.
3.	Grech Rita	31 ta' Awissu, 86.
4.	Mizzi Marija	13 ta' Settembru, 86.
5.	Camenzuli Dolora	14 ta' Settembru, 86.
6.	Kitty Gauci	7 ta' Ottubru, 86.
7.	Pawla Sacco	11 ta' Ottubru, 86.
8.	Joseph Mifsud	10 ta' Diċembru, 86.
9.	George Cordina	25 ta' Diċembru, 86.
10.	Carmelus Schembri	29 ta' Diċembru, 86.
11.	Gaetanu Scicluna	31 ta' Diċembru, 86.
13.	Josephine Grech	12 ta' Jannar, 87.
14.	Ġorġ Schembri	16 ta' Jannar, 87.
15.	Doreen Bonnici	18 ta' Jannar, 87.
16.	Joseph Schembri	23 ta' Jannar, 87.
17.	Grezzju Cutajar	1 ta' Frar, 87.
18.	Marija Portelli	6 ta' Marzu, 87.
19.	Laurence Debrincat	7 ta' Marzu, 87.
20.	Carmela Debrincat	9 ta' Marzu, 87.
21.	M'Grace Gatt	27 ta' Marzu, 87.
22.	Mons. Ġużeppi Debrincat	29 ta' Marzu, 87.
23.	Salvina Tedesco	19 ta' April, 87.
24.	Imperia Zammit	27 ta' April, 87.
25.	Giovanna Grech	30 ta' April, 87.
26.	Carmelo Zahra	7 ta' Mejju, 87.
27.	Loreta Spiteri	23 ta' Mejju, 87.
28.	Joseph Tabone	2 ta' Ġunju, 87.
29.	Tarċisju Gatt	29 ta' Ġunju, 87.
30.	Ġorġ Calleja	30 ta' Ġunju, 87.
31.	Adelina Muscat	10 ta' Lulju, 87.
32.	Carmela Vella	14 ta' Lulju, 87.
33.	M. Grazja Camilleri	23 ta' Lulju, 87.
34.	Gaetana Grech	24 ta' Lulju, 87.
35.	Joseph Mintoff	26 ta' Lulju, 87.

T O N Y ' S   S T O R E

JEW AĦJAR

IL-MEKKA TA' L-GĦAWDXIN
JOFFRI L-ORĦOS PREZZIJIET FUQ
KULL MA GĦANDEK BŻONN FID-DAR

Tixtrix qabel tara l -assortiment tagħna ta'

FRIDGES — COOKERS
WASHINNG MACHINES — LINEF
U MITT ELF ĦAĠA OĦRO TA'
ĦTIEĠA JEW LUSSU GĦAD-DAR
ISSIBNA MALAJR GĦAX FIS-SAQAJN

25, IT-TOKK, RABAT — GĦAWDEX.

Ċempel: 556629.

B E R G E R

CAR PAINTS

STORES:

114, MGR. P. PACE STREET,

VICTORIA, GOZO.

TEL. 551827.

RANK XEROX
Copy Bureau

- Standard copying and duplicating
- Same size reduction and enlargement of copies
- Copying on one or both sides of paper
- Collating
- Copying onto many materials e.g. self adhesive labels overhead projection transparencies Bond letterheads translucent paper and coloured paper
- Quality reproduction of photographs and halftones up to A3
- Large scale copies of maps design and drawings (same size reductions & enlargements)
- Computer printout duplicated reduced or enlarged
- FREE ADVICE on all reprographic and copying problems.

Business hours

Mon to Fri 7.30 to 12.00 and 2.30 to 6.30   Sat 9.00 to 12.00
Kennedy Square, Victoria, Gozo. Tel 553564

www.gozocathedral.org.mt

ATTIVITAJIET FIĊ-ĊENTRU PARROKKJALI TAL-KATIDRAL GĦAS-SENA 1986 - 87

A. ATTIVITAJIET PASTORALI REGOLARI:

1. Quddiesa fil-ġranet kollha tax-xogħol fid-9.30 a.m.
2. Quddiesa kull nhar ta' Sibt fil-5.30 p.m. għat-tfal.
3. Quddiesa kull nhar ta' Ħadd u fil-festi fil-11.30 a.m.
4. Katekiżmu għall-kandidati tal-Griżma ta' l-Isqof, kemm lokali u kemm emigranti mis-Sur Anton Farrugia.
5. Konferenza ta' kull xahar għan-nisa fid-8.45 a.m. u għall-irġiel fis-6.00 p.m.
6. Laqgħa reliġjuża għaż-żgħażagħ kull ġimgħa.
7. Prayer meeting għaż-żgħażagħ darba fix-xahar.

B. ATTIVITAJIET KULTURALI REGOLARI:

1. Kors tar-Reliġjon li jwassal għall-eżami tal-Matrikola.
2. Ftuħ tal-Bibljoteka Parrokkjali għall-pubbliku.
3. Servizzi ta' self ta' materjal mużikali, l-iktar self ta' 'cassettes' għall-pubbliku.
4. Ftuħ tal-Catholic Bookshop fil-ġranet kollha tax-xogħol fil-għodu mit-8.00 sal-11.00 u filgħaxija mill-4.00 sas-7.00.

C. ATTIVITAJIET REGOLARI FILANTROPIĊI:

1. Kumitat Ċentrali taċ-Ċentru Parrokkjali li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni taċ-Ċentru flimkien mad-Direttur.
2. Kumitat taż-Żgħażagħ li flimkien ma' l-Arċipriet u d-Direttur taċ-Ċentru, jieħu ħsieb l-attivitajiet kollha għaż-Żgħażagħ.
3. Staff ta' żgħażagħ biex jieħu ħsieb il-Librerija Parrokkjali.

Dun Gigor Grech, Direttur taċ-Ċentru

4. Working team mill-membri tal-Ladies Circle biex jieħu ħsieb jagħmlu xogħol b'xejn, b'riżq il-Bazaar u l-'Jumble Sale' li jsiru kull sena, f'Diċembru u Ġunju rispettivament.
5. Working team li jieħu ħsieb l-istampar u t-tqassim tal-Bullettin.
6. Working team li jieħu ħsieb il-manutenzjoni taċ-Ċentru.
7. Bord Editorjali ta' żgħażagħ li jieħu ħsieb jikteb u jistampa rivista li toħroġ kull tliet xhur.

D. ATTIVITAJIET RIKREATTIVI U REGOLARI:

1. Ftuħ tal-Bar kuljum, f'ħinijiet stabbiliti.
2. Video-Show kull nhar ta' Sibt wara l-Quddiesa tat-Tfal.
3. Wine & Pizza Party darba fix-xahar.
4. Disco għaż-żgħażagħ darba fix-xahar.

E. ATTIVITAJIET OĦRA:

1. Laqgħa ta' kull xahar għall-koppji miżżewġin.

Fiċ-Ċentru Parrokkjali jinsab ukoll it-tim tal-futbol

2. Saru żewġ quddisiet għall-bżonnijiet u b'suffraġju tal-membri ħajjin u mejtin tas-"Supporters Club" taċ-Ċentru.

3. Show speċjali tal-Milied bis-sehem tat-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa.

4. Premjazzjoni fil-ġranet tal-Milied għat-tfal kollha li jattendu ċ-Ċentru.

5. Żjara lill-presepji ta' xi rħula.

6. Harġa għat-tfal u ż-żgħażagħ.

7. Disco speċjali għaż-żgħażagħ f'egħluq il-Mini Missjoni li ssir ta' kull sena fil-parroċċa.

8. Wirja fuq il-Bibbja u l-ħajja tan-nies ta' żmien Kristu.

9. Saru l-viżti tas-Sepulkri kemm fir-Rabat, kif ukoll fl-irħula.

10. Serata ta' talent parrokkjali fiċ-Ċentru fil-ftuħ tal-Ġimgħa tal-Parroċċa.

11. Serata speċjali f'Jannar li giet imtella' mill-kumpanija ta' San Ġinesju ta' Birkirkara bis-sehem ta' Fr. David Azzopardi.

12. Ġiet organizzata gita għal Malta għal diversi knejjes li fihom jinstabu statwi tal-Ġimgħa l-Kbira.

13. Żjara għat-Trade Fair, f'Malta.

14. Attività għaż-żgħażagħ fuq is-sur qrib il-festa ta' Santa Marija.

15. Laqgħat fiċ-Ċentru mill-membri tal-Għaqda ta' l-Astronomija, Fergħa t'Għawdex.

16. Ikla għall-'helpers' kollha tal-parroċċa.

17. Ikla bil-ħlas, b'risq iċ-Ċentru, waħda fil-Milied u oħra fl-Għid.

18. Sports Day fil-Ġimgħa tal-Parroċċa.

Għall-Aħjar Ward Naturali

u

Għall-Aħjar Xtieli

irrikorru għand:

Ir-'RAIN DROPS'

ta'

MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.

ID-DITTA
JOSEPH CARUANA CO. LTD.

59, Republic Street, Victoria, Gozo,

Telephone 556464 **Telex 1470 Filcar**

THABBAR IL-FTUH TA' STABILIMENT ĠDID

N.B. OFF OLD MILL STREET, QORMI, MALTA

ID-DITTA TISSUPPLIXXI KULL KWALITÀ TA' MATERJAL GHALL-BINI BHAL VIREG U FOLJI TAL-HADID, KULL KWALITÀ TA' INJAM, CHIPBOARD U PLYWOOD

KIF UKOLL ASSORTIMENT KBIR TA' SUF GHAN-KNITTING.

John Portelli Enterprises Ltd.

TRAVEL AGENTS - TOUR PLANNERS

7 MAIN SQUARE, VICTORIA, GOZO, MALTA. TEL: 556236

108 ST. JOHN STREET, VALLETTA, MALTA. TEL: 627016

FOR ALL YOUR TRAVEL REQUIREMENTS

DUN FRANĠISK SCICLUNA
1928 — 1962

Minn **FR. GEORGE MERCIECA**

Dun Franġisk Scicluna miet fit-3 t'Awissu ta' 1962, ħamsa u għoxrin sena ilu. Miet ta' età ħira, imma ħalla warajh tifkira ta' saċerdot dedikat, ta' għalliem ta' l-affari tiegħu u ta' iedem eżemplari. Dawn huma xi tifkiriet rsonali tiegħi.

Jien kont ħabib kbir tiegħu. Kien jeħodni bil-rozza kulfejn kien imur u dak inhar li miet kelli nkunx miegħu u dan tort tiegħi, għax dak ar, kien sejjer Marsalforn u ngħid is-sewwa, rtajtu biex ma jgħidlix immur miegħu billi t xi ftit imżikkem. L-aħbar tal-mewt tiegħu ieli Patri Martinjan Cutajar li f'nofs inhar ċiż kien tiela' minn Marsalforn u waqaf ddiem il-bieb tagħna u tani l-aħbar kerha! n għalaqt il-bieb u mort niekol. Imma x'tiekol! lli għedt it-talba ta' qabel l-ikel u ommi qaltli ob għal ruħu, infexxejt nibki bħal tarbija u fuq waħdi. Lil ommi smajtha tgħid: en iħobbu wisq!" Wara ftit tal-ħin ġie għalija Charlie Cini u morna narawh id-dar. Niftakar, kien hemm ukoll Mons. Tarċisju Gatt jibki kemm jiflaħ. U kellna tassew għax nibku għax konna tlifna benefattur kbir! Filgħaxija sarlu l-funeral u kien wieħed mill-kbar. Jien ġarrejt kuruna. L-għada, Toni tagħhom tellagħni l-Katidral biex nassisti għad-difna f'Santa Barbara. Kienu l-ħdax. Imbagħad, minn Sqallija kont ktibtlu l-ewwel sunett tiegħi u wegħidtu li għad niġi qassis ġdid fuq il-qabar tiegħu u hekk kien.

U tassew konna tlifna ħabib! Kien jieħu ħsiebna l-Oratorju "Don Bosco" u kien ifittex kull okkażjoni biex joqgħod magħna ż-żgħa-żagħ. Kien id-direttur tal-kumpanija teatrali taż-żgħar "S. Domenico Savio". Nista' ngħid li jien dejjem ħdimt it-teatrin taħt id-direzzjoni għaqlija tiegħu. Kien ukoll jorganizzalna l-ġita tal-Karnival: Ħarġa sa Marsalforn bil-mixi miż-Żebbuġ u mbagħad, ikla f'Marsalforn u filgħaxi-ja, dramm is-Seminarju.

Dun Franġisk Scicluna mal-kumpanija teatrali 'Domenico Savio'

Dun Frangisk tal-Murella, kif konna nsibuh, kien bniedem ta' fommu sieket imma kien tassew għaref u jaf imur u gentili ma' kulħadd! Darba waħda biss naf li dejjaqtu u dan kien il-ground "Silver Jubilee" waqt partita tas-Salesian Youths. Kont kellimtu f'mument li ta' l-Oratorju kienu se jiskurjaw! Kien ukoll il-konfessur tiegħi u dejjem tani pariri tajbin: kellu dik il-ħlewwa li tiġbdek u ġġagħlek tħobbu. Kien jinqala' sew għall-priedki. Niftakar meta għamel it-tridu ta' San Ġorġ u dak inhar, għall-ewwel darba, fil-knisja, fl-aħħar jum tat-tridu, in-nies infexxet iċċapċap minn rajha!

Dun Frangisk kien bniedem umli u ma kienx iħobb it-tifħir fil-wiċċ. Kien għalliem fil-Liceo u kulħadd għadu jiftakar il-kalma u t-tjubija li kien juri fil-klassi. Lili u lil Charlie Cini kien irranġalna l-karti kollha biex immorru Sqallija ma' Dun Alwiġ Mizzi. Meta miet, il-karti kienu għadhom għandu. Niftakar li mbagħad, kien komplihomlna Mr. George Xerri u konna morna apposta Marsalforn.

Is-sehem ta' Dun Frangisk Scicluna fl-Oratorju kien kbir u kbir ħafna. Kien igħallem id-duttrina, kien jieħu ħsieb il-palk, kien dejjem magħna fil-ground, kien konfessur imfittex speċjalment minna ż-żgħażagħ, kien jieħu ħsieb il-kumpanija "S. Alwiġi" li kienet tiltaqa' kull nhar ta' Ħadd, kien ta' appoġġ kbir għas-Salesian Youths, imma fuq kollox, kien ta' eżempju mill-aħjar. Kien bniedem ta' ħlewwa liema bħalha u ta' sabar kbir.

Illum, wara ħamsa u għoxrin sena, għadni niftakru qisu l-bieraħ! Jalla aħna s-saċerdoti nimitaw l-eżempju tajjeb tiegħu u nifhmu li ż-żgħażagħ għandhom bżonn ta' ħbieb sinċieri, li jifhmuhom, ikunu lesti jgħinuhom fid-diffikultajiet u l-problemi li jiltaqgħu magħhom, imma fuq kollox li jkunu lesti jisimgħuhom u joqogħdu magħhom.

Dun Frangisk Scicluna dam inkarigat mill-ħidma pastorali tal-Katidral mill-1958 sal-1962.

PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street, Victoria, Gozo.

Tel. 556678 – 553744

AUTO DEALERS

AUTO SERVICE & SPARES

PANEL BEATING

SPRAY PAINTING

TYRE & RADIATOR REPAIRS

Egħluq l-20 Sena mill-Ordinazzjoni Episkopali Ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi

Din is-sena qegħdin niċċelebraw egħluq l-20 sena mill-Ordinazzjoni Episkopali ta' l-Isqof tagħna Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Matul din is-sena saru u għadhom isiru bosta attivitajiet pastorali biex ifakkru din il-ġrajja. Fil-Katidral għal din iċ-ċirkustanza fis-26 ta' April mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien mal-Presbiterju Għawdxi. Għal din l-okkażjoni speċjali kien assista wkoll Mons. Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca. L-Editur u l-kollaboraturi ta' din ir-Rivista annwali kif ukoll il-parruċċani tal-Knisja Katidrali jixtiequ lil Mons. Isqof ħafna snin twal ta' ħidma pastorali għall-ġid tad-Djoċesi Għawdxija.

Ir-ritratt juri lil Mons. Isqof jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni f'din iċ-ċirkustanza.

LIL MONS. CARMELO SCICLUNA

25 Sena f'Ħidma Pastorali fil-Katidral (1962 - 1987)

Mons. Arċipriet qed jamministra s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof

Min jista' jkejjel dak li jsir minn ġewwa,
Fil-qlub moħbija, fl-aħwa, fil-bnedmin,
Ħlief Alla biss li jaf u jiżen sewwa
Kull pass fit-triq taż-żmien, waqt li mexjin.

Għax mhux is-snin jew l-għomor twil fil-ħajja,
Li jkejlu x-xogħol f'min jaħdem għall-Mulej;
Min jisħar miegħu, ma joqgħodx jitlajja
Hu ħaddiem bieżel fl-għalqa tal-feddej.

Int ħdimtha tajjeb ħafna l-għalqa tiegħek,
u ma tnikkirtx għall-kura ta' l-erwieħ:
Qsamnih il-frott ta' xogħlok aħna miegħek.

Bl-Assunta miegħek għandek garanzija,
Issokta triqtek mingħajr ma tistrieħ,
Il-bastun tiegħek hija biss Marija.

11-7-1987. **JOHN CREMONA.**

B U B B L E S

GENERAL IMPORTERS

Kennedy Square, Victoria.

Joffrilkom:

* KMAMAR TAL-BANJU
* MADUM TAĊ-ĊERAMIKA
* GEYSERS * MIRJA

mill-Aktar Moderni u bi Prezzijiet
L-AKTAR MODERATI.

Director: FRANCIS CARUANA.

L A G R O T T A

DISCO - NIGHTCLUB, RESTAURANT AND PIZZERIA

XLENDI ROAD, - XLENDI.

TEL. 551149.

"THE PLACE TO GO TO WHEN IN GOZO".

www.gozoatheologhia.mt

IL-ĦAJJA PASTORALI FIL-PARROĊĊA

Bir-Ritratti

Il-ħajja pastorali fil-parroċċa hija mibnija fuq dimensjoni spiritwali, kulturali, filantropika u rikreattiva. L-operaturi fil-qasam pastorali lkoll kemm huma jaqblu li dawk kollha li huma responsabbli mill-kura ta' l-erwieħ jeħtieġ li jibnu lill-bniedem sħiħ li hu magħmul mhux biss mir-ruħ, imma wkoll mill-ġisem. Veru li l-ġisem bla ruħ hu katavru li postu hu taħt it-trab. Iżda daqstant ieħor hu veru li mingħajr il-ġisem tal-bniedem, ir-ruħ ma kenitx turi l-kapaċitajiet enormi tal-fakultajiet tagħha li jixbhu lil Alla, b'mod speċjali fl-intelliġenza. Biżżejjed ngħidu li l-bniedem tal-lum wasal għal skoperti kbar u ta' l-għaġeb għar-raġuni li r-ruħ ta' dan il-bniedem tinsab tgħix f'ġismu. Il-fatt li l-ewwel u qabel kollox għandna d-dmirijiet x'naqdu bħala ċittadini tal-belt tas-sema, b'daqshekk ma jfissirx li aħna għandna nittraskuraw id-dmirijiet tagħna bħala ċittadini tal-Belt ta' din l-art. Fil-parroċċa tal-Katidral, l-attivitajiet li jinżammu minn żmien għal żmien ilkoll kemm huma jimmiraw lejn dan l-iskop: il-bini u l-formazzjoni tal-bniedem sħiħ, il-bniedem kollu kemm hu, ruħ u ġisem.

ĦAJJA SPIRITWALI

Fil-ħajja spiritwali tal-parruċċani fil-Knisja Katidrali tiġi mogħtija importanza kbira lis-Sagrament tal-Magħmudija, ta' l-Ewwel Tqarbina kif ukoll tal-Griżma ta' l-Isqof li għalihom tinżamm tħejjija serja u intensiva.

It-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina ta' din is-sena (1987) flimkien ma' l-Arċipriet

Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna qed jagħmel l-Ewwel Tqarbina lil wieħed mit-tfal

X'uħud mit-tfal li f'din is-sena rċivew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof waqt li qegħdin jieħdu sehem f'servizz para-liturġiku

It-tfal li din is-sena rċivew is-Sagrament tal-Konfermazzjoni

Billi din is-sena, Mons. Isqof kien inevitabilment assenti għall-amministrazzjoni tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni, l-istess Isqof iddelega lil Mons. Arċipriet biex jamministra dan is-Sagrament. Ir-ritratt juri lil Mons. Arċipriet jamministra dan is-Sagrament lil waħda mit-tfal

gozocathedral.org.mt

KULTURA

F'Jannar, ir-Sur Anton Farrugia hejja x'uħud mill-istudenti ta' edukazzjoni sekondarja u primarja tal-parroċċa għall-quiz bibbliku. Dawn huma t-tfal kollha li attendew għal dan il-quiz bibbliku.

Mons. Isqof N. Cauchi jinawgura Wirja Bibblika

Mons. Isqof N. Cauchi jbierek din il-Wirja Bibblika

Ta' kull sena, fil-parroċċa tal-Katidral, jiġu mtellgħin 3 pageants: wieħed fil-ġranet tar-Randan, wieħed fil-ġranet tal-festa u l-ieħor fil-ġranet tal-Milied. Ir-ritratt juri xena tal-pageant "Marija - Sultana tal-Paċi", kitba ta' John Cremona u produzzjoni ta' Rita Sultana.

Fil-Ġimgħa tal-Parroċċa (21-28 ta' Frar) inżamm JUM IL-KTIEB fiċ-Ċentru. Ġew esebiti ħafna kotba kif juru r-ritratti

www.gozocathedral.org.mt

Dan ir-ritratt juri lill-Kor Parrokkjali 'Maria Assunta' taħt id-direzzjoni ta' Carol Saliba f'waħda mill-attivitajiet tiegħu barra mill-Parroċċa

Dan ir-ritratt juri lill-Kor tat-Tfal tagħna 'Pueri Cantores' taħt id-direzzjoni ta' C. Grech f'waħda mill-attivitajiet tiegħu barra mill-Parroċċa

Fis-27 t'April, l-'Eynsford Concert Band' offriet programm ta' daqq mużikali mill-aqwa li qatt smajna f'Għawdex

Mons. Arċipriet C. Scicluna joffri rigal lis-Surmast ta' din il-banda fl-aħħar ta' dan il-kunċert b'turija ta' rispett u gratitudni

ATTIVITAJIET FILANTROPIĊI U RIKREATTIVI

Ta' kull sena jiġu mogħtija rigali liż-żgħażagħ u lit-tfal tal-parroċċa. Dawn ir-ritratti juru lil Mons. Arċipriet u anki lid-Direttur taċ-Ċentru Dun Ġirgor Grech, f'din iċ-ċirkustanza ta' l-għoti tal-premijiet

Id-drama fiċ-Ċentru, b'mod speċjali fi żmien il-Milied, ma tonqosx. Ħafna huma l-parruċċani li jħaddmu t-talenti tagħhom fil-qasam tad-drama biex iferrħu lil ħuthom fil-parroċċa f'dan iż-żmien

Darbtejn fis-sena tinżamm kampanja tal-Ġenerożità fil-parroċċa tal-Katidral. Ir-ritratt juri l-ġenerożità tal-poplu għal skop hekk qaddis

Ta' kull sena f'egħluq il-Ġimgħa tal-Parroċċa, Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna jaqsam il-'cake' biex jitqassam bejn is-saċerdoti u l-abbatini ta' l-istess parroċċa biex jifirħu flimkien fi spirtu kommunitarju

Il-ħarġiet lit-tfal u liż-żgħażagħ tal-parroċċa ma jonqsux minn żmien għal żmien. Ir-ritratt juri waħda minn dawk l-okkażjonijiet li jiġu organizzati mid-Direttur taċ-Ċentru, Dun Girgor Grech

Ir-ritratt juri grupp ta' parruċċani flimkien ma' l-Aġent President ta' Malta, is-Sur Pawl Xuereb fil-ġonna tal-Buskett. Din iż-żjara saret f'waħda mill-ħarġiet kulturali u rikreattivi li ġew organizzati matul is-sena mid-Direttur taċ-Ċentru Parrokkjali, Dun Girgor Grech

Ġrajjiet Importanti ta' Matul is-Sena

30-07-86: Fetħu l-festi ta' Santa Marija b'Konċelebrazzjoni li tmexxiet minn Mons. Arċipriet C. Sciclune.
31-07-86: Saret ħarġa għat-tfal tal-parroċċa.
04-08-86: Saret attività speċjali għall-grupp vokazzjonali.
06-08-86: Sar Kunċert Marjan Vokali, Strumentali u Letterarju fl-okkażjoni ta' egħluq it-30 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irregalat l-istatwa ta' l-Assunta lill-Parroċċa tal-Katidral.
07-08-86: Ġew mogħtija lit-tfal ta' l-Istituti fid-Djoċesi ħafna oġġetti ta' l-ikel u ħwejjeġ oħra migburin mill-Parruċċani.
07-08-86: Ġie organizzat 'finger-super' u disco għaż-żgħażagħ fiċ-Ċittadella.
08-08-86: Sar il-Pageant Marjan bl-isem ta' "Marija, Sultana tal-Paċi", kitba ta' John Cremona.
15-08-86: Tfakkar egħluq il-11 l-anniversarju mill-Inkurunazzjoni tax-xbiha ta' l-Assunta meqjuma fil-Kwadru titulari tal-Katidral t'Għawdex.
12-09-86: Ġiet imtella' l-Ballata tal-Konvoj ta' Santa Marija fil-Pjazza tal-Knisja Katidrali.
27-09-86: Fil-quddiesa vespertina l-Katekisti rċivew il-mandatum li jgħallmu minn Mons. Arċipriet Carmelo Sciclune.
28-09-86: Inżamm Jum il-Katekiżmu fil-Parroċċa.
01-10-86: Infetħet uffiċjalment is-Sena Katekistika b'quddiesa ċelebrata minn Mons. Arċipriet fiċ-Ċentru Parrokkjali.
05-10-86: Saret il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju.
11-10-86: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali.
01-11-86: Inżammet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Qaddisin Kollha.
02-11-86: Inżammet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-Għid ta' l-Imwiet.
06-11-86: Servizz funebri b'suffraġju tal-erwieħ tal-imsieħbin tas-Sodalità ta' Santa Marija.
30-11-86: Bdew il-priedki ta' l-Avvent minn Fr. Jos. Cauchi.
08-12-86: Inżammet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Kunċizzjoni.
15-12-86: Bdiet in-Novena bi tħejjija għall-Festa tal-Milied.
16-12-86: In-Nunzju Appostoliku għall-gżejjer Maltin, l-Arċisqof Pierre Luigi Celata f'Konċelebrazzjoni ta lil xi Seminaristi l-ministeri ta' l-Akkolitat u l-Lettorat.
25-12-86: Inżammet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Milied.
31-12-86: Inżammet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Radd il-Ħajr ta' l-Aħħar tas-Sena.
01-01-87: Inżammet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Jum il-Paċi.
04-01-87: Inżammet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-Epifanija.
18-01-87: Bdiet l-Ottava ta' Talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes.
02-02-87: Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tat-tberik tax-xemgħ.

21-02-87: Beda l-Ġimgħa tal-Parroċċa.
25-02-87: Sar pellegrinaġġ penitenzjali għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.
15-03-87: Bdew l-Eżerċizzi Spiritwali għal kulħadd u għall-koppji minn Patri Klement Abela O.P.
29-03-87: Miet Mons. Ġużeppi Debrincat li għamel żmien 'Maestro di Cappella' tal-Katidral.
12-04-87: Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tat-Tberik tal-Palm. Matul il-Ġimgħa Mqaddsa Mons. Isqof mexxa l-funzjonijiet l-oħra.
17-04-87: Ħarġet il-Purċissjoni tal-Passjoni. Akkompanjat il-Purċissjoni l-Banda 'Leone' bid-daqq ta' marċi reliġjużi.
19-04-87: Beda t-tberik tal-familji fi żmien l-Għid.
29-04-87: Saret tifkira speċjali fil-Katidral f'egħluq il-31 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irregalat l-istatwa ta' l-Assunta lill-Katidral.
06-05-87: Inżammet l-Ewwel Erbgħa mill-ħmistax-il Erbgħa li jiġu qabel il-festa ta' Santa Marija. Qaddes Mons. Isqof.
31-05-87: Fetħet il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika.
03-06-87: Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna għamel l-Ewwel Tqarbina tat-tfal tal-Parroċċa.
04-06-87: Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna amministra s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-parroċċa.
07-06-87: Mons. Isqof fetaħ fid-Djoċesi s-Sena Marjana u għalaq il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'purċissjoni Ewkaristika.
21-06-87: Inżammet is-solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu. Saret il-Purċissjoni Ewkaristika. Mexxa Mons. Arċidjaknu G.B. Gauci.
27-06-87: Saret l-Ordinazzjoni għall-Presbiterat u għad-Djakonat minn Mons. Isqof N. Cauchi. Ġie ordnat Djaknu Joe Vella Gauci li hu addett għas-servizz pastorali tal-Katidral.
01-07-87: Żar il-Katidral l-Isqof ta' Lugano Mons. Eugenio Corecco, kif ukoll il-Kummissarju Għoli l-Ġdid għall-Awstralja.
14-07-87: Żaru l-Knisja Katidrali ħafna saċerdoti mid-Djoċesi ta' Parma.
15-07-87: Dun Ġużepp Grech Pace f'Konċelebrazzjoni ħa l-pussess ta' Kanoniku-Monsinjur tal-Kapitlu Katidrali. F'din il-Konċelebrazzjoni l-istess Mons. G. Grech Pace fakkar egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Nifirħulu għaż-żewġ okkażjonijiet u nixtiequlu snin ferm itwal ta' ħajja saċerdotali.
20-07-87: Żar il-Katidral l-Arċisqof ta' Londrina fil-Brażil, Mons. Gerardo Magella.
29-07-87: In-Nunzju Apostoliku għall-gżejjer Maltin, l-Arċisqof Pierre Luigi Celata fetaħ il-festi speċjali li qegħdin isiru bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija fi-okkażjoni tal-Sena Marjana.

www.gozocathedral.org.mt

OPRI:

Għall-purcissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena ġew inawgurati xi opri li jikkonsistu f'simbli li għandhom x'jaqsmu mal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Saru wkoll kostumi ġodda għat-tfal li jerfgħu l-bandalori tas-7 kelmiet. Ta' l-ewwel saru minn Joe Cutajar tal-belt Victoria u tat-tieni nħietu minn Mrs. Mary Busuttil bla ebda rimunerazzjoni.

Kostum u simbli li għandhom x'jaqsmu mal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu

Simblu ieħor li għandu x'jaqsam mal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu

IS-SEDJA L-ĠDIDA TAĊ-ĊELEBRANT

Opra tassew sabiħa li saret il-Katidral f'din is-sena u li għaliha ħallset il-parroċċa, bla dubju ta' xejn kienet is-Sedja taċ-Ċelebrant. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa ta' din l-opra mitluba mill-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II. Din l-opra saret fuq id-disinn ta' Ġużè Galea tar-Rabat u nħadmet mill-mastrudaxxa Ġorġ Farrugia tal-Belt Victoria li segwa fedelment id-disinn. Ix-xogħol tas-Sedja kif ukoll l-iskultura fl-injam ġew maħdumin bl-ikbar eżattezza minn dan il-mastrudaxxa. Din l-opra ġiet imbierka u mżanzna s-Sibt, 11 ta' April, 1987, lejliet Ħadd il-Palm, minn Mons. Arċipriet C. Scicluna.

gozocathedral.org.mt

Ikkontribwew għal din ir-Rivista

1.	Singer Sewing Centre	*Main Gate Street, Victoria.*
2.	Electra Hotel	*Marsalforn, Gozo.*
3.	John Calleja	*Republic Street, Victoria.*
4.	Frances' Hairdresser	*Palm Street, Victoria.*
5.	Joe Scicluna	*Palm Street, Victoria.*
6.	Mejlak Jewellery	*Republic Street, Victoria.*
7.	Farrugia Jewellery	*Republic Street, Victoria.*
8.	Gozo United Rent-A-Car	*Republic Street, Victoria.*
9.	HomeMart	*Republic Street, Victoria.*
10.	Grech's Store	*Republic Street, Victoria.*
11.	C. & S. Supermarket	*Main Gate Street, Victoria.*
12.	Kelina's Jewellery	*Karl Bondi Street, Victoria.*
13.	Abela Pharmacy	*De Soldanis Street, Victoria.*
14.	Palm Pharmacy	*Palm Street, Victoria.*
15.	Lantern Hotel	*Marsalforn, Gozo.*
16.	The Mermaid Bar & Restaurant	*Marsalforn, Gozo.*
17.	Marsalforn Hotel	*Marsalforn, Gozo.*
18.	Odyssey Bar & Restaurant	*Marsalforn, Gozo.*
19.	The Smugglers' Cave	*Marsalforn, Gozo.*
20.	Arzella Bar	*Menqa, Marsalforn, Gozo.*
21.	Batu Pharmacy	*Palm Street, Victoria.*
22.	May's Boutique	*Republic Street, Victoria.*
23.	V. Sultana Vulcanizer	*Republic Street, Victoria.*
24.	Gozo Aluminium	*Paul Portelli Street, Victoria.*
25.	Castle Pharmacy	*Main Square, Victoria.*
26.	Kenur Bar & Restaurant	*Xlendi Road, Xlendi.*
27.	Tritons Bar & Restaurant	*Marsalforn, Gozo.*
28.	Cefai Jewellery	*Market Street, Victoria.*
29.	Mayjo Garage	*Republic Street, Victoria.*
30.	Lorry Fenech	*Sannat Road, Victoria.*
31.	Duke of Edinburgh Hotel	*Republic Street, Victoria.*
32.	Doris Jewellery	*St. Andrew Street, Victoria.*
33.	Nancy Salon	*Main Gate Street, Victoria.*
34.	Gozo Garage	*Xagħra Road, Victoria.*
35.	Victoria Bar & Restaurant	*Marsalforn, Gozo.*

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

Messagg ta' l-Arcipriet 1

Il-Matrici ta' l-Assunta fic-Cittadella ta' Ghawdex bejn 1608 u 1615 2

Sittin Kappella fuq il-Gżira tal-Madonna 6

Wara 25 Sena ta' Hidma Pastorali 1962 - 1987 12

Kronaka tal-Parrocca 20

Attivitajiet fic-Centru Parrokkjali tal-Katidral ghas-sena 1986-87 26

Dun Frangisk Scicluna 1928-1962 29

Eghluq l-20 Sena mill-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi 31

Lil Mons. Carmelo Scicluna 31

Il-Hajja Pastorali fil-Parrocca bir-Ritratti 33

Hajja Spiritwali 33

Kultura 35

Attivitajiet Filantropici u Rikreattivi 38

Grajjiet Importanti ta' matul is-sena 40

Opri 42

Is-Sedja l-Gdida tac-Celebrant 43

Il-Kontribwew ghal din ir-Rivista 44

www.gozocathedral.org.mt

Ħarġa Speċjali
ta' l-Għid ta' l-Assunta
F'EGĦLUQ
Il-25 Sena
minn meta
Mons. Arċipriet C. Scicluna
ġie mgħobbi bir-responsabbiltà
tal-ħidma pastorali
fil-Parroċċa tal-Katidral
1962 - 1987

SENA MARJANA

www.gozocathedral.org.mt